Ħarġa nru. 67 - Ottubru 2012

B'XEJN
ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar



Telfa għal Malta fit-TTD

f'paġna 14



Valletta b'vantaġġ tajjeb

f'paġna 18



Erba' finali fil-Basketball

f'paġna 42



# It-33 Edizzjoni tar-Rolex Middle Sea Race

» Aktar f'paġna 28

• FUTBOL • BASKETBALL • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
• KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT •
• STORJA TAL-FUTBOL MALTI • MIDDLE SEA RACE • SNOOKER •
• GOZO SPORT • FORMULA WIEĦED • MOTO GP •

TeamSporT

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAMSPORT


MGARR GROUND
FLOOD LIGHTING
ST. ALOYSIUS
389 Sports Systems Ltd.
Omni Turf
THREE EIGHT NINE
LIMONTA SPORT
INFILLPROTP
newgrass
DELUXE
SOCCERPRO
E: 389@onvol.net T: 2144 6449 W: www.389.com.mt A: 22/26 Dun Xand Cortis Street; Birkirkara - Malta

2012



## Ottubru

Ottubru huwa x-xahar li fih il-Kampjonati rispettivi jibdew jimmaturaw biex ikunu qed jidhru l-ewwel indikazzjonijiet tad-direzzjoni tad-destin tat-timijiet rispettivi.

L-indikazzjonijiet fil-Kampjonat Premier huma li Valletta jistgħu jitilqu jiġru fuq quddiem hekk kif minn tmien logħbiet waqqgħu biss żewġ punti biex għandhom vantaġġ komdu ta' sitt punti fuq l-eqreb rivali.

Mix-xena nternazzjonali, matul dan ix-xahar Malta sfat megħluba mir-Repubblika Ċeka bl-iskor ta' 3-1 liema logħba kienet valida mill-preliminari tat-Tazza tad-Dinja, 2014. Kienet partita b'żewġ uċuh fejn ċedejna fit-tieni taqsima iżda l gowl kapolavur li skorja Roderick Briffa żgur se jibqa' fil-memorja tad-dilettanti Maltin.

Matul dan ix-xahar, ingħata bidu tal-istaġun tal-Basketball fejn intlagħbu l-finali tal-Pre-Season Cup u s-Super Cup taż-żewġ kategoriji.

Barra minn hekk, l-istaġun tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel jinsab riesaq lejn it-tmiem tiegħu bi programmi nteressanti.

SPORTIV huwa l-uniku magażin sportiv li jarkivja u jaġġorna l-avvenimenti ...

Jesmond Moore - Editur




# Irbaħ ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

Min skorja għal Malta fit-telfa ta' 3-1 kontra r-Repubblika Ċeka mill-preliminari tat-Tazza tad-Dinja 2014?

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2012:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 66 hija:*
**L-Isla**
*u r-rebbieħa huma (1) Melchior Bonnici - Birkirkara*
*(2) Anna Incorvaia - Msida (3) Michael Aquilina - Mosta*




1




2




3





# TREE PLANTING day

## Sunday

## 4TH NOVEMBER

### GĦAJN TUFFIEĦA

4U
TREE FOR YOU

## Activities

### FOR ALL THE FAMILY

*10am - 5pm*

SCOUTS AREA

Ministry for Resources and Rural Affairs
www.mrra.gov.mt





# SPORTIV


Ħarġa nru 67
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Union Print**
Union Print Co. Ltd
Marsa Tel: 25900265

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Reklamar**
Alfred Caruana (Manager)
acaruana@unionprint.com.mt

Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com

**Ritratti**
Ray Attard, Charles Marsh,
Roger Azzopardi

*Cover - Il-bidu tar-Rolex Middle Sea Race*

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta


# Werrej


4 **MFA**
Solidarjetà mill-MFA

14 **Malta v Repubblika Ċeka**
Il-Maltin iċedu fit-tieni taqsima

16 **Kampjonat Ewropew U/19**
Malta tirbaħ kontra San Marino ... u tispiċċa fit-tielet post

17 **Kampjonat Ewropew U/17**
Il-Maltin isofru tliet telfiet

18 **Premier**
Valletta se jaħarbu bil-Kampjonat daqstant kmieni?

23 **L-Ewwel Diviżjoni**
Pietà H. u Lija A. jillidjaw... Birżebbuġa S.P. bla punt

24 **It-Tieni Diviżjoni**
St. George's u Żebbug R. jaqsmu l-ewwel post

25 **It-Tielet Diviżjoni**
Tliet timijiet mingħajr telfa

26 **Youth FA**
Imniedi l-film dokumentarju ta' Fr. Hilary

28 **Rolex Middle Sea Race**
Estimit Europa 2 viċin li jirbaħ għat-tielet darba konsekuttiva

30 **Kunsill Malti għall-Isport**
Investiment qawwi mill-gvern fil-faċilitajiet sportivi tal-iskejjel

37 **Low Back Pain**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

38 **Żwiemel**
Kampjonat mill-aqwa fil-korsa tal-Marsa

40 **Gozo Sports**
FC Olimp Moscow jikkwalifikaw għall-final b'punti massimi

42 **Basketball**
Jingħata bidu għall-istaġun tal-basketball

44 **Snooker/Pool**
Ċiniż ta' 14-il sena jirbaħ il-Kampjonat tad-Dinja

46 **Formula 1**
Vettel waħdu fil-quċċata

47 **Moto GP**
Hat-trick ta' rebħiet għal Dani Pedrosa

48 **Storja tar-Regatta**
It-Tiġrija tal-Vitorja (1990-1999)... Id-Disa' Parti

50 **L-Istorja tal-Futbol Malti**
Jinqala' inċident bejn il-gowlkiper ta' Valletta u l-partitarji ta' Sliema W.

52 **Spot the Ball u Tisliba**
Irbaħ ma' SPORTIV



Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

mfa.com.mt



# Solidarjetà mill-MFA mal-poplu tal-Emilia Romagna

**Lejliet il-partita mill-kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja, 2014, kontra l-Italja, li ntlagħbet f'Modena f'Settembru li għadda, is-Sindku tal-belt ta' Modena, Giorgio Pighi, iltaqa' fil-Palazz tal-Komun mal-president tal-FIGC Giancarlo, Abete u mal-president tal-MFA Norman Darmanin Demajo.**

Għal din l-okkażjoni kien hemm preżenti uffiċjali miż-żewġ Assoċjazzjonijiet u kif ukoll il-president tal-klabb ta' Modena FC, Maurizio Rinaldo, flimkien ma' uffiċjali oħrajn tal-istess klabb.

Il-president Abete qal li kien ferm kuntent bir-relazzjoni li teżisti bejn l-FIGC u l-MFA u se jkompli jaħdem biex din tibqa' b'saħħitha u rringrazzja lill-Maltin għar-rispett li dejjem urew u li huwa wieħed reċiproku.

Il-president tal-MFA, Darmanin Demajo, qal li l-MFA hija ferm obbligata għall-għajnuna li tirċievi mill-FIGC f'dik li hija edukazzjoni professjonali kontinwa rigward il-kowċis lokali u r-referees. Huwa rringrazzja lill-president tal-FIGC, Abete, u lis-sindku ta' Modena għall-ospitalità tagħhom.

Bħala sinjal ta' solidarjetà, lejlet il-logħba wara nofsinhar, il-president Darmanin Demajo u l-Kap Eżekuttiv Bjorn Vassallo, flimkien ma' uffiċjali oħrajn tal-MFA, żaru l-belt ta' Concordia li ntlaqtet mit-terremot li kien laqat ir-reġjun ta' Emilia Romagna ftit tax-xhur ilu.

Hawn hekk flimkien ma' persuni oħra, fosthom imprendituri Maltin, id-delegazzjoni ddawret mal-belt imġarrfa mit-terremot u żaret familji u tfal li kellhom jitilqu mid-djar tagħhom u li nġabru f'tined u kampijiet immexxija mir-Red Cross. L-MFA u l-imprendituri Maltin bħala turija ta' solidarjeta' ipprezentaw bosta rigali lit-tfal u affarijiet tax-xorb u l-ikel lill-familji milquta minn dan id-dizastru.

Il-belt ta' Modena kienet magħżula propju għaliex l-FIGC riedet tagħti rigal lill-poplu tal-madwar permezz tal-futbol, wara li dawn għexu sofferenza kbira matul l-aħħar xhur u għaldaqstant iddeċidiet li l-loghba bejn l-Italja u Malta kellha tintlgħab ftit kilometri l-boghod minn fejn seħħ it-theżiż li ħalla eluf ta' persuni mingħajr saqaf fuq rashom.






# Inawgurat grawnd ieħor b'art sintetika *fil-Qrendi*

**Fl-aħħar jum ta' Settembru, ġiet inawgurata facilità sportiva oħra, biex b'hekk il-klabb ta' Qrendi FC, issa żdied ma' ħafna klabbs oħrajn lokali li għandhom grawnd b'turf artifiċjali. Għal dan l-avveniment kienu mistiedna diversi persuni distinti u oħrajn relatati ma' dan il-proġett. Dan kien investiment ieħor minn sensiela ta' proġetti li l-Malta Football Association ħadmet fuqhom matul dawn l-aħħar snin.**

L-avveniment beda b'mixja simbolika fil-qalba tar-raħal fejn ipparteċipaw kemm it-tfal min-nursery tal-Qrendi lebsin l-uniformi bil-kulur aħdar u kif ukoll grupp ta' Scouts mil-istess lokalità.

Fid-diskors tiegħu, il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, faħħar dan il-proġett u lill-persuni mill-klabb tal-Qrendi li sa fl-aħħar raw il-ħolma tagħhom issir realtà.

Is-Sur Darmanin Demajo sostna li l-logħba tal-futbol madwar id-dinja qed tkun attakkata, b'mod negattiv, minħabba l-involviment ta' organizazzjonijiet kriminali u l-aħjar mod li wieħed jiġġieled għal dan hija l-edukazzjoni fost it-tfal sa minn età zgħira. Hu qal ukoll li qed isibu koperazzjoni sħiħa mill-Gvern Ċentrali permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, l-Onorevoli Clyde Puli, liema xogħol qiegħed isarraf f'ħafna ġid speċjalment frott tal-għaqda li teżisti bejn l-edukazzjoni u l-isport.

Il-president tal-Assoċjazzjoni Maltija tal-futbol, fakkar li huwa kien beda jilgħab il-futbol proprju mal-klabb tal-Qrendi u appella biex il-plejers tal-preżent juru passjoni għall-futbol u jilagħbu għall-flokk tat-tim tagħhom bħalma kien isir fiż-żmien tiegħu.

L-Onorevoli Clyde Puli, tenna li l-pjan tal-Gvern hu li f'Malta jkun hawn 53 grawnd tal-futbol bit-turf artifiċjali sabiex il-klabbs kollha jkollhom grawnd fil-lokalità tagħhom. Huwa fakkar li diġà tlestew aktar minn 33 grawnd u l-Gvern għandu ftehim mal-Malta Football Association biex ikompli l-investiment fuq faċilitajiet oħra.

Is-Segretarju Parlamentari qal li l-Gvern qed jinvesti bil-qawwa kollha fil-faċilitajiet sportivi u fl-aħħar snin investa ħafna flus biex il-faċilitajiet jitjiebu fil-livell. Hu qal li aktar minn 10,000 tifel u tifla fi ħdan in-nurseries tal-futbol qed jużaw dawn il-grawnds kemm mal-klabbs rispettivi tagħhom u kif ukoll waqt il-ħin tal-iskola minħabba li l-Gvern qed jgħin biex uħud mill-faċilitajiet jinbnew ġewwa l-iskejjel.

Il-president ta' Qrendi FC, Daniel Farrugia, f'diskors qasir saħaq li l-Kumitat ħadem bis-sħiħ biex seħħet din il-ħolma għall-klabb żgħir bħal dak ta' Qrendi. Huwa fakkar li l-Gvern kien għadda biċċa art biswit l-iskola lil Qrendi FC, liema art kienet żdingata u li fuqha sar il-grawnd bit-turf u bid-dawl artifiċjali.

Fost il-mistiedna kien hemm Bjorn Vassallo, Kap Eżekuttiv tal-MFA u uffiċjali oħra tal-MFA, diversi esponenti politiċi u ġenituri tat-tfal li jattendu fi ħdan in-nursery ta' Qrendi.



# Malta tingħaqad mal-UEFA f'attività kontra r-razziżmu

L-għajta komuni fl-Ewropa kontra r-razziżmu u kontra kull xorta ta' diskriminazzjoni fil-logħba l-aktar popolari fid-dinja, qiegħda tikber b'mod konsiderevoli hekk kif, fl-1999, twaqqaf moviment mill-UEFA proprju għal dan il-għan – il-FARE (Football Against Racism in Europe).

Għal ġimgħat sħaħ saru promozzjonijiet madwar l-Ewropa kollha biex titqajjem kuxjenza li bl-ebda mod ma r-razziżmu għandu jiġi ttollerat, f'ħidma kollettiva biex din il-marda tinqered darba għal dejjem.

Il-Malta Football Association tifforma parti mill-moviment FARE li l-funzjoni tiegħu huwa li jittrasmetti messaġġi ċari li kull xorta ta' diskriminazzjoni ma għandha l-ebda post fil-logħba tal-futbol.

Matul il-jiem li għaddew, il-logħbiet mill-partiti tal-kompetizzjonijiet Ewropej, taw messaġġ ċar u sinjifikanti li l-persuni mdaħħlin fil-logħba tal-futbol għandhom jiċċelebraw id-diversità u l-inklużjoni fl-isport in ġenerali. Permezz ta' bosta attivitajiet li saru fl-istadiums rispettivi, wieħed seta' jammira l-impenn massimu tal-UEFA, fil-ġlieda tagħha kontra r-razziżmu, l-intolleranza u s-senofobija, li ġew reċiprokati b'mod mill-aktar pożittiv mill-eluf ta' partitarji li attendew u mill-miljuni ta' telespettaturi.

Pajjiżna wkoll ingħaqad mal-FARE biex jgħaddi dan il-messaġġ hekk kif proprju din il-ġimgħa stess, l-MFA organizzat bosta attivitajiet f'diversi grawnds differenti – it-timijiet, il-plejers u dawk il-plejers żgħażagħ tan-Nurseries kollha ingħaqdu f'għajta waħda kontra r-razziżmu.

Fl-għeluq ta' din il-kampanja kontra r-razziżmu, il-president tal-UEFA, Michel Platini, qal:

"L-impenn tal-UEFA huwa li tiġġieled bil-qawwa kollha kontra kull diskriminazzjoni fil-futbol u għaldaqstant għandna ninkoraġġixxu lill-partitarji biex jingħaqdu magħna fl-isforzi tagħna biex jivvalutaw ir-rispett lejn il-plejers, l uffiċjali, l-avversarji u kif ukoll lejn il-partitarji minn pajjiżi differenti, b'kulturi reliġjużi u orjentazzjonijiet sesswali differenti u kif ukoll b'oriġini etniċi."

L-MFA hija kburija li tifforma parti minn dan il-moviment u li qiegħda tgħin biex tkompli tqajjem kuxjenza fost l-isportivi kollha.



# Il-valuri fil-logħba tal-futbol




**Sabiex il-UEFA u kull membru tagħha jitmexxew b'mod mill-aktar organizzat, dawn għandhom iħarsu l-valuri u l-prinċipji li jsawru l-logħba tal-futbol.**

Hemm 11-il valur li jservu bħala bażi għall-attivitajiet u għad-djalogu f'isem il-futbol Ewropew. Dawn jintużaw u jiġu mħarsa meta jiġu diskussi affarijiet ma' entitajiet politiċi, ekonomiċi, soċjali u ovvjament sportivi.

Uħud minn dawn il-valuri jistgħu jiġu applikati direttament mill-klabbs biex fit-treġija jimxu bl-aktar mod korrett u dejjem għall-benefiċċju tal-logħba nnifisha. Minn fost dawn il-valuri mportanti hemm tlieta partikolari li jistgħu jgħinu fit-tentattiv biex jiġi ssalvagwardjat il-futbol.

L-ewwel valur huwa **"Il-Futbol l-Ewwel"** - dan il-valur irid ikun l-uniku u l-aktar wieħed importanti li għandu jiġi kkunsidrat. Il-futbol għandu jitqies bħala "logħba" qabel ma jitqies bħala "prodott", "sport" qabel it-terminu "suq" u "spettaklu" qabel il-kelma "negozju". Matul l-aħħar żminijiet il-perċezzjoni nbidlet u l-logħba tal-futbol saret mifruxa wisq fuq l-obbligi finanzjarji. Għalhekk wieħed irid jistaqsi kemm verament l-amministraturi jistgħu jibqgħu jimxu fuq din l-ideoloġija ġdida li wasslet il-futbol biex isir kummerċjalizzat minn kull aspett. Dan minħabba li s-suġġett ewlieni, f'kull dibattitu, ikun dejjem relatat mal-finanzi ... 'il bogħod mill-espressjoni teknika u mill-ispettaklu li ġġib magħha l-logħba sabiħa tal-futbol.

Valur ieħor importani huwa **"Il-protezzjoni u l-edukazzjoni taż-Żagħżagħ"**, li jisħaq fuq l-importanza ta' kif iż-żgħażagħ li jidħlu fil-futbol ma jiġux sfruttati għall-iskopijiet tal-klabbs biex jilħqu l-obbjettivi tagħhom li ħafna drabi jkunu bla bażi jew fuq terminu qasir ta' żmien.

Iż-żgħażagħ iridu jingħataw kull opportunità biex ikomplu bil-progress akkademiku tagħhom. F'dan ir-rigward, iż-żgħażagħ jinsabu f'diffikultà kbira għax bil-pressjoni qawwija ta' futbol mondjali u ta' ftit plejers li jilħqu s-successi finanzjarji "astronomiċi", jagħtu impressjoni żbaljata tal futbol.

Meta ż-żgħażagħ jibdew jaħsbu fuq dawn l-affarijiet impossibbli, speċjalment fix-xena tal-futbol lokali, l-imġieba personali tagħhom tiġi affettwata. Għaldaqstant hija ta' importanza kbira li ż-żgħażagħ jingħataw kull assistenza psikoloġica u materjali għall-benefiċċju tal-ħajja personali u sportiva tagħhom.

Il-valur numru 10 huwa dak tar-**Rispett**. Dan huwa *slogan* li narawh ta' spiss fuq bnadar u *posters* tal-UEFA, iżda tajjeb li wieħed ikun jaf it-tifsira ta' dan il-messaġġ. Ir-rispett huwa l-prinċipju fundamentali tal-futbol – rispett għal-logħba, rispett għall-integrità, rispett għad-diversità, rispett għad-dinjità, rispett għas-saħħa tal-plejers, rispett għar-regoli, rispett għall-uffiċjali tal-logħba, rispett għall-avversarji u rispett għall-partitarji.

Il-futbol jgħaqqad mingħajr ebda fruntieri. Il-kulur tal-ġilda huwa inviżibbli taħt il-flokk, jiġifieri, ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni ma jiġu ttollerati bl-ebda mod. Barra minn hekk ma tiġi ttollerata wkoll l-ebda xorta ta' vjolenza ... bejn il-partitarji u wisq aktar bejn il-plejers avversarji.

Il-futbol irid jagħti eżempju. Huwa d-dover u r-responsabbiltà ta' kull min huwa mdaħħal fil-futbol biex dawn il-valuri jiġu mħarsa għall-ġid tal-logħba nnifisha u għat-tfal tagħna.



# Ikomplu t-Tours tal-Istadium Nazzjonali għat-tfal tal-iskola

**Minkejja li s-sena skolastika ingħatat bidu ftit tal-jiem ilu, l-istudenti diġà bdew iżuru l-faċilitajiet tal-MFA kif ukoll l-Istadium Nazzjonali.**

Żewġ gruppi, komposti minn subien u bniet tal-Year 4 u Year 6 mill-iskejjel primarji ta' Marsaxlokk u tas-Sliema rispettivament, kienu minn tal-ewwel li għamlu din iż-żjara.

Dawn it-tours huma mmirati għal tfal bejn it-8 u l-14-il sena, bl-għanijiet ewlenin huma:

- Biex l-istudenti jesperjenzaw il-ħidma tal-akbar organizzazzjoni sportiva f'pajjiżna
- Biex jinħoloq sens ta' apprezzament dwar l-istruttura tal-futbol nazzjonali
- Biex jittejjeb il-kunċett tal-edukazzjoni sportiva
- Biex tinħoloq opportunità għall-istudenti fit-tentattiv li jħossuhom aktar fil-qrib lejn it-tim nazzjonali
- Biex tiġi pprovduta alternattiva ta' għażliet għall-ħarġiet skolastiċi
- Biex jinbena djalogu bejn l-MFA u d-diversi kulleġġi u skejjel

F'dawn it-tours, l-istudenti jesperjenzaw żjara unika li tikkonsisti fi żjara fit-training grounds, fis-sala ewlenija tas-Centenary Stadium fejn jiltaqa' l-Kunsill tal-MFA, f'opportunità li jpoġġu fil-post tal-idoli tagħhom fid-dressing room tat-tim nazzjonali, fl-emozzjonijiet li jimxu fit-*tunnel* lejn il-pitch tal-ħaxix u kif ukoll jitilgħu l-istess taraġ li għal dawn l-aħħar 30 sena min jaf kemm-il captain ta' kull tim rebbieħ tela' biex jirċievi t-trofej. Barra minn hekk, jesperjenzaw l-opportunità, għal ftit minuti, l-importanza tal-ogħla uffiċjali tal-MFA billi jpoġġu fl-istess seats, fit-taqsima l-aktar importanti tal-istadium – it-Tribuna VVIP.

Il-parteċipanti jiġu murija wkoll filmat qasir dwar l-emozzjonijiet li ġġib magħha l-logħba tal-futbol minbarra li jieħu sehem f'attività tal-futbol.

L-MFA qed tippjana wkoll li testendi din l-attività u tkabbar dan it-tour billi tiftaħ il-bibien għall-adulti kif ukoll għat-turisti.

Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jċempel 23386000 jew jibgħat e-mail lis-sur Alfred Cachia, li huwa l-kordinatur ta' dawn il-mawriet, fuq alfred.cachia@mfa.com.mt





# Cisk Lager

## iniedi set ta' Tazzi għall-Partitarji

Permezz tal-prodott popolari Cisk Lager, il-kumpanija Simonds Farson Cisk plc, nidiet il-kampanja Tazzi għall-Partitarji u dan biex tiċċelebra s-sħubija mal-Malta Football Association (MFA) u mal-Malta Rugby Football Union (MRFU). Apparti li huma tazzi għall-kollezzjoni, l-idea prinċipali għandha twassal biex tikber il-mentalità u l-appoġġ mill-pubbliku sportiv Malti u Għawdxi lejn l-aktar żewġ dixxiplini sportivi popolari f'pajjiżna.

L-edizzjoni ta' dawn it-tazzi hija waħda limitata u jinsabu għall-bejgħ mill-ħwienet ewlenin f'Malta u f'Għawdex. Iż-żewġ tazzi differenti li jistgħu jiġu akkwistati huma The Football Fan-Glass u The Rugby Fan-Glass.




AQUATONE CLASSES

Every Thursday
6pm till 7pm

MFA SWIMMING POOL - TA' QALI

Further info and booking
2338 6440 or
catalin.stan@mfa.com.mt

MFA Swimming Pool Ta' Qali





# Tmienja u għoxrin kowċ

## jibdew jattendu kors biex jiksbu il-liċenzja UEFA A







**Bħala parti mill-edukazzjoni tal-coaching u l-iżvilupp kontinwu f'dan is-settur, l-MFA qed torganizza diversi coaching courses b'mod regolari bil-ħsieb li tgħolli l-livell tal-coaching f'pajjiżna. Fil-bidu ta' dan ix-xahar ingħata bidu għall-kors UEFA A.**

Dan il-kors se jkun fuq tmien moduli u se jibqa' sejjer sa Mejju, 2013. L-ewwel sessjoni saret fi tmiem il-Ġimgħa, bejn il-5 u s-7 ta' dan ix-xahar u preżenti kien hemm id-Direttur Tekniku tal-MFA, is-sur Robert Gatt.

Tmienja u għoxrin parteċipant, minn diversi klabbs lokali qed jattendu dan il-kors. Il-kowċis li qed jattendu dan il-kors inqasmu f'erba' gruppi differenti.

Se jsiru lectures ta' teorija u prattika fil-metodi ta' kif għandu jsir il-*coaching*, it-taħriġ kondizzjonat, il-psikoloġija u r-regoli tal-logħba u prattiċi oħrajn tal-*coaching* fil-logħba moderna.

Fi tmiem il-kors, l-applikanti kollha jridu joqogħdu għall-eżami tat-teorija u tal-prattika biex ikun stabbilit il-livell tagħhom qabel jingħataw iċ-ċertifikat ta' UEFA A.

Il-kowċis li jridu jkollhom diġà l-UEFA B biex jattendu dan il-kors jinsabu taħt il-gwida ta' Stephen Grima, responsabbli mis-sezzjoni tal-Coach Education fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA.



# L-MFA tkompli tisħaq bil-ħidma tagħha ma' referees promettenti

**Permezz tad-Dipartiment tar-Referees, il-Malta Football Association organizzat seminar ta' nofs ta' nhar għal referees promettenti u dawk il-persuni li jkunu qed isegwuhom, hekk imsejħa *mentors*.**

Dan kien it-tieni seminar ta' din ix-xorta għal dawn ir-referees promettenti u l-imħuħ warajhom. Din hija t-tieni sena ta' dan il-programm wara li fl-istaġun l-ieħor tmexxiet b'suċċess l-ewwel parti mill-ispeċjalista tal-Konvenzjoni tal-UEFA u coach tal-CORE, id-Daniż Jorn West Larssen.

Il-kordinatur tat-Talent and Mentor Programme, Victor Mintoff, qal f'diskors ta' introduzzjoni li t-talenti magħżula jridu jkunu minn fost dawk li għandhom 32 sena jew iżgħar u dawn minnufih jitpoġġew taħt il-gwida ta' *mentor*. Dawn il-*mentors* ikunu għadhom kif spiċċaw karriera ta' uffiċjali u b'hekk ikollhom l-esperjenza neċessarja biex jiggwidaw lil dawn it-talenti f'din id-dixxiplina. Minn kull kategorija jintgħażlu biss erba' talenti u dan isir biex tingħata l-attenzjoni meħtieġa lil dawk magħżula.

Is-seminar kien indirizzat ukoll minn Adrian Casha, id-Direttur tar-Refereeing fi ħdan l-MFA, persuna li kien uffiċjal u li sal-lum iservi bħala osservatur tar-referees tal-UEFA. Is-Sur Casha fisser li x-xogħol primarju ta' *mentor* huwa li jgħin lir-referee biex itejjeb il-kapaċitajiet tiegħu. Il-persuna inkarigata mir-referee trid tfittex il-punti pożittivi fit-tentattiv li jsir it-titjib li jkun ipprogrammat.

Min-naħa tar-referees promettenti, dawn iridu jkunu attivi u moħħhom miftuħ bil-ħtieġa li jżommu kuntatt kontinwu mal-*mentor* u ma joqogħdux lura milli jikkonfrontaw kull ċirkostanza li tista' tgħin fl-iżvilupp tat-talent tagħhom.

Ir-Recruitment and Retention Officer, Alexander Arena, tkellem dwar il-personalità tal-individwu mhux biss meta jkun fil-grawnd imma wkoll fil-ħajja pubblika u dan għaliex l-integrità tiegħu tkun dejjem taħt l-iskrutinju ta' kulħadd.

Ir-referee internazzjonali, Alan Mario Sant, li kien mistieden biex jaqsam l-esperjenzi tiegħu waqt din l-attività, tkellem dwar il-mixja tar-referee sal-quċċata u l-importanza li jżomm il-livell stabbilit. Huwa enfasizza l-importanza li r-referees żgħażagħ ikollhom il-miri li jridu jilħqu b'ħidma intensiva. Huwa sostna li biex jintlaħqu l-miri, iridu jsiru sagrifiċċji kbar.

Fis-seminar tkellem ukoll ir-referee Kevin Azzopardi, li kien l-ewwel referee Malti li attenda l-UEFA CORE Programme. Huwa fisser x'ikun qed jistenna r-referee f'forma ta' student mill-*mentor* tiegħu. Min-naħa tiegħu, il-*mentor* ikun irid li l-persuna li jkun qed isegwi tilħaq il-miri tagħha kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dak internazzjonali u b'hekk hemm linji gwida li jkunu osservati.



Sammy Attard, Andre Arciola, Malcolm Spiteri, Alexander Grech

# L-iskambji ta' referees Maltin

## ma' oħrajn minn pajjiżi differenti fl-Ewropa jitqies bħala suċċess

**Lejn l-aħħar ta' Settembru, komplew isiru aktar skambji ta' referees Maltin ma' oħrajn minn pajjiżi differenti madwar l-Ewropa hekk kif uffiċjali lokali diġà kellhom l-opportunità li jikkontrollaw logħbiet fl-Irlanda ta' Fuq, fil-Lussemburgu, f'Wales u fil-Latvja.**

Fost referees li f'Settembru li għadda marru jikkontrollaw logħbiet barra minn xtutna kien hemm l-internazzjonali Alan Mario Sant u Clayton Pisani li rreffjaw fil-Lussemburgu, Malcolm Spiteri u Andrè Arciola rreffjaw f'Wales u Mario Apap ikkontrolla logħbiet fil-Kampjonat tal-Latvja. Huma kienu dejjem akkumpanjati minn assistenti referees Maltin. Matul l-aħħar jiem referees mil-Latvja ikkontrollaw il-logħba mistennija mill-Kampjonat BOV Premier bejn Floriana u Valletta.

Din l-opportunità qiegħda tagħti ċ-ċans lir-referees Maltin li jirreffjaw barra minn xtutna, fit-tentattiv li jkomplu jiżviluppaw it-talenti tagħhom u jsaħħu l-esperjenza tagħhom fil-kamp internazzjonali.

Fl-istess ġranet li referees Maltin ikkontrollaw logħbiet f'Wales, referees minn Wales ikkontrollaw logħbiet mill-Kampjonat BOV Premier. Is-Sibt 29 ta' Settembru, ir-referee Richard Harrington, mgħejjun mill-assistenti Daniel Beckett u Lewis Edwards u r-raba' uffiċjal Bryn Markham-Jones, ikkontrollaw il-logħba bejn Rabat Ajax u Sliema Wanderers fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali.

Fil-ġurnata sussegwenti, ir-referee Bryn Markham-Jones mill-FA ta' Wales ikkontrolla l-logħba mill-Kampjonat BOV Premier bejn Tarxien Rainbows u Birkirkara.

Matul dan ix-xahar, eżattament fit-13 ta' Ottubru, terna arbitrali Maltija, komposta mir-referee Trustin Farrugia Cann u l-assistenti Duncan Sultana u Konrad Borg, ikkontrollaw il-logħba mill-Kampjonat Irlandiż bejn UC Dublin u Drogheda United li spiċċat bl-iskor ta' 1-0.

Dan l-investiment, min-naħa tal-MFA f'dan il-qasam, qiegħed jgħin mhux ftit fl-iżvilupp tal-uffiċjali u s-sodisfazzjon tax-xogħol li qiegħed jitwettaq jixduh il-ħatriet kontinwi ta' referees Maltin li qed jintgħażlu mill-FIFA u mill-UEFA biex jikkontrollaw logħbiet mir-rawnd ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja 2014 u mill-Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 sena.

Fost dawk li, fil-ġimgħat li għaddew, ikkontrollaw logħbiet internazzjonali kompetittivi barra minn Malta kien hemm Marco Borg u Alan Mario Sant, filwaqt li r-referee Esther Azzopardi ntgħażlet biex tikkontrolla logħba mill-Kampjonat Ewropew tan-Nisa bejn l-Ingilterra u l-Kroazja li ntlagħbet, f'Walsall, l-Ingilterra u wara dan il-konfront kienet magħżula biex tikkontrolla logħbiet ta' ħbiberija kemm fil-Greċja u kif ukoll fl-Olanda.

Matul l-aħħar jiem ta' dan ix-xahar, ir-referee internazzjonali Clayton Pisani, mistenni jkun impenjat fl-Estonja waqt tournament U17 tal-UEFA, fejn se jieħdu sehem it-timijiet tal-Estonja, l-Ingilterra, l-Irlanda ta' Fuq u Wales. Dan se jkun it-tieni appuntament internazzjonali għal Pisani matul dan ix-xahar, wara li fil-bidu ta' Settembru kien magħżul biex jikkontrolla logħbiet fir-reġjun tal-Veneto fl-Italja, mir-rawnd preliminari tat-Tazza tar-Reġjuni.

Intant, ir-referee internazzjonali Malti tal-Futsal, Franco Cachia, kien wieħed fost uffiċjali oħrajn li kkontrollaw mini-tournament tal-UEFA Futsal Cup li sar fil-Latvja, f'Settembru li għadda.




# Il-UEFA
## toħloq operat ġdid biex tmexxi aħjar id-drittijiet kummerċjali

**Il-Kumitat Eżekuttiv tal-UEFA għadu kemm għadda esklussivament it-tmexxija tad-drittijiet kummerċjali tal-kompetizzjonijiet tat-timijiet nazzjonali lill-kumpanija CAA Eleven, liema drittijiet jinkludu x-xandir televiżiv, ir-reklamar u l-liċenzjar.**

Din id-deċiżjoni ttieħdet waqt laqgħa f'San Pietruburgu, fir-Russja, fil-bidu tax-xahar ta' Ottubru. Dan ifisser li CAA Eleven se tmexxi ċ-ċentralizzazzjoni tad-drittijiet kummerċjali tal-logħbiet ta' kwalifikazzjoni tal-UEFA għall-Euro 2016 u l-fażi finali tal-istess kompetizzjoni, komposta għall-ewel darba minn 24 tim u kif ukoll il-fażi ta' kwalifikazzjoni Ewropea tat-Tazza tad-Dinja 2018, li se ssir fir-Russja.

Is-Segretarju Ġenerali tal-UEFA, Gianni Infantino, qal li dan qed isir biex jiġbru d-drittijiet kummerċjali tal-kompetizzjonijiet tat-timijiet nazzjonali taħt saqaf wieħed. Hu qal li ċentralizzazzjoni simili għenet biex issaħħaħ il-futbol Ewropew fuq livell ta' klabbs f'dawn l-aħħar 20 sena. Huwa żied jikkummenta li dan jippermettilhom li fil-ġejjieni joffri mekkaniżmu aħjar fit-tqassim ta' flus lill-Assoċjazzjonijiet membri.

Imwaqqfa f'Ġunju ta' din is-sena, is-CAA Eleven hija komposta minn CAA Sports, sezzjoni minn aġenzija ewlenija fid-dinja tad-divertiment u sport u minn Creative Artists Agency (CAA).

L-esperti tad-drittijiet kummerċjali, Oliver Guiguet u Stephane Schindler, se jokkupaw karigi eżekuttivi fl-operat ta' CAA Eleven. Il-kumpanija bħalissa qed tfittex l-aħjar persuni biex jifformaw l-istaff tagħha u se topera minn Nyon, l-istess belt fejn il-UEFA għandha l-kwartieri tagħha.

David O'Connor, azzjonist fit-tmexxija tas-CAA, qal li l-kumpanija tħossha onorata li ntgħażlet mill-UEFA biex tirrappreżenta d-drittijiet prestiġjużi tat-timijiet nazzjonali f'kompetizzjonijiet tal-UEFA.

O'Connor qal li qed iħarsu 'il quddiem biex jaħdmu mill-qrib mal-UEFA u l-53 membru li tħaddan fiha din il-Federazzjoni. Is-CAA trid li toħloq preċedent fl-opportunijiet li jinħolqu madwar id-dinja għall-assi li jiġu permezz tal-media.

Il-mandat li ingħata lil CAA Eleven daħal fis-seħħ b'effett immedjat u dan biex id-drittijiet kummerċjali tal-finali tal-Kampjonat Ewropew 2013 ta' Taħt il-21 sena u li se jsir fl-Iżrael, u kif ukoll it-tournament finali tal-Euro tan-Nisa li se jsir fl-Isvezja, jitmexxew bħala parti minn dan il-portafoll. Kull membru fi ħdan il-UEFA aċċetta li l-bejgħ tad-drittijiet tiegħu jkun iċċentralizzat u kkontrollat direttament mill-UEFA u mhux minn diversi kumpaniji privati minn madwar id-dinja.

*Il-kompetizzjonijiet li jaqgħu taħt dan il-ftehim huma:*

Kampjonat Ewropew tan-Nazzjonijiet

Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 sena

Kampjonat Ewropew ta' Taħt id-19-il sena

Kampjonat Ewropew ta' Taħt is-17-il sena

Kampjonat Ewropew tan-Nisa

Kampjonat Ewropew tan-Nisa ta' Taħt id-19-il sena

Kampjonat Ewropew tan-Nisa ta' Taħt is-17-il sena

Kampjonat Ewropew tal-Futsal

Tazza tad-Dinja – Rawnd ta' kwalifikazzjoni



Roderick Briffa (Malta) jaħrab il-kustodja ta' Jaroslav Plasil (Repubblika Ċeka)



Theodore Gebre Selassie (Repubblika Ċeka) jaqbeż lil Edward Herrera (Malta)

# Il-Maltin

Wara taqsima mill-aktar sodisfaċenti fejn daħal jistrieħ fi draw ta' 1-1, it-tim Malti kkrolla kif appena sofra t-tieni gowl fil-bidu tat-tieni taqsima bil-konsegwenza li ħareġ tellief bl-iskor ta' 3-1 kontra r-Repubblika Ċeka liema partita ntlagħbet fid-Doosan Arena, fi Plzen, li kienet valida mir-rawnd preliminari tat-Tazza tat-Tazza tad-Dinja, 2014.

Mill-aħħar partita, jiġifieri, mit-telfa ta' 2-0 kontra l-Italja, il-kowċ Pietro Ghedin kien sforzat li jagħmel tibdila waħda hekk kif Shawn Bajada kien fil-formazzjoni inizjali minflok l-imweġġa' Daniel Bogdanovic.

Wara bidu diffiċli, il-Maltin issetiljaw u dehru organizzati u kompatti fid-difiża li ftit li xejn taw spazji lill-avversarji biex jimmanuvraw.

Wara li ċ-Ċeki fetħu l-iskor, ir-reazzjoni Maltija kienet waħda mmedjata b'gowl mill-isbaħ ta' Roderick Briffa. Iżda t-tieni gowl taċ-Ċeki, skorjat seba' minuti wara l-mistrieħ, iddemoralizza għal kollox lill-Maltin biex l-avversarji tagħna approfittaw u ddominaw il-kumplament ta' dan il-konfront.

Għall-kronaka, iċ-Ċeki mill-ewwel urew l-intenzjonijiet tagħhom hekk kif mas-suffara inizjali mill-ewwel ħarġu fuq l-offensiva biex jiksbu gowl kmieni bil-Maltin jipprovaw jilqgħu din il-pressjoni fi tliet kwarti ta' grawnd.






Andrè Schembri (Malta) jisraq il-ballun minn fuq Jaroslav Plasil (Repubblika Ċeka)



Michael Mifsud (Malta) f'taqtiegħa għall-ballun ma' Michael Kadlec (Repubblika Ċeka)



Roderick Briffa jiċċelebra l-gowl tiegħu li bih kiseb id-draw għal Malta kontra r-Repubblika Ċeka

*Ritratti: Paul Zammit Cutajar*

# iċedu fit-tieni taqsima

Matul l-ewwel kwarta l-avversarji tagħna kellhom l-inizjattiva assoluta fejn bdew iżommu ballun fil-baxx u b'passes qosra bdew ifittxu lil xulxin, li iżda, ma setgħux isibu t-triq lejn ix-xibka Maltija minħabba li d-difiża bdiet tanticipa il-furja Ċeka.

L-ewwel azzjoni Maltija waslet, fis-17-il minuta, meta minn kontrattakk il-ballun wasal għand Michael Mifsud li minn barra l-kaxxa pprova jaħsad lill-gowlkiper Ċek, Petr Cech, iżda falla kompletament il-mira.

Fil-25 minuta, iċ-Ċeki kienu għoddhom fetħu l-iskor meta żball tal-gowlkiper Malti, Andrew Hogg, kien se jirregala lil Tomas Pekhart meta minn azzjoni mejta, Hogg ipprova jiddribilja lill-istess Pekhart ħdejn il-last Maltija iżda b'xorti tajba l-ballun ħabat mal-plejer Ċek u spiċċa barra meta Hogg ipprova jikklerja b'mod iddisprat.

Iżda żewġ minuti wara, l-istess Hogg patta għal dan l-iżball meta ħareġ jinnewtralizza fuq Tomas Pekhart fil-mument li seta' jagħmel xi forma ta' ħsara.

Man-nofs siegħa logħob, il-Maltin ħolqu attakk ieħor bit-tentattiv ta' Edward Herrera jkun wisq dgħajjef minn qagħda angolara.

Fl-34 minuta, ir-Repubblika Ċeka, fetħu l-iskor minn azzjoni ftit twila - xutt minn barra l-kaxxa ta' Jaroslav Plasil ġie salvat parzjalment minn Andrew Hogg u mir-rebound ta' Tomas Pekhart reġa' kien Hogg li salva b'mod determinanti bid-difiża Maltija tikklerja qasir. L-azzjoni kompliet fuq il-linja xellugija fejn David Limbersky dar ma' Edward Herrera li xeħet cross insidjuż fil-kaxxa Maltija fejn daħal THEODORE GEBRE SELASSIE u b'daqqa ta' ras xeħet il-ballun fir-rokna tas-saqaf tax-xibka.

Tliet minuti wara, assistejna għal *Euro Goal* min-naħa tat-tim Malti meta, l-aħjar plejer għalina, RODERICK BRIFFA, seraq ballun f'tarf il-kaxxa avvesarja, qabeż żewġ plejers Ċeki qabel ma fajjar kanunata li spiċċat fir-rokna tas-saqaf tax-xibka b'Petr Cech statiku għall-aħħar jammira din il-bravura ta' Briffa!!!

Iżda appena għaddew seba' minuta mill-ftuħ tat-tieni taqsima, iċ-Ċeki marru fil-vantaġġ għal darb'oħra minn daqqa ta' ras, din id-darba ta' TOMAS PEKHART li, minkejja li kien issikkat minn Steve Borg, ikkonnettja għal ġox-xibka mill-cross ta' Petr Jiracek.

Kien gowl li ta moral ġdid liċ-Ċeki hekk kif bdew jibnu l-pressjoni fuq id-difiża Maltija li dehret li tilfet għal kollox il-bilanċ. Infatti, fis-67 minuta, id-difiża Maltija inqabdet miftuħa beraħ meta Petr Jiracek għadda l-ballun lil Jaroslav Plasil li xeħet cross għan-nofs biex JAN REZEK kompla l-ballun għal ġewwa.

Wara li għaddiet minuta, Hogg kien providenzjali għal Malta meta laqa' d-daqqa ta' ras ta' Tomas Pekhart minn taħt il-lasti.

Fil-ħin miżjud kellna ċans li nagħmlu r-riżultat aktar rispettabbli meta ingħatajna penalti għal foul fil-kaxxa li Milan Petrzela kkommetta fuq Steve Borg.

Kien Michael Mifsud li nkariga minn din ir-responsabbiltà iżda x-xutt mill-11-il metru ġie salvat minn Petr Cech.

**12.10.2012 - 18.00 hrs**

**Repubblika Ċeka** **3**
T. Gebre Selassie 34, T. Pekhart 52, J. Rezek 67

**Malta** **1**
R. Briffa 38

HT 1-1 **Doosan Arena, Plzen**

**Rep. Ċeka** – Petr Cech, Theodore Gebre Selassie, Michal Kadlec, Tomas Sivok, David Limbersky, Jan Rezek, Frantisek Rajtoral (Milan Petrzela 61), Jaroslav Plasil, Tomas Hubschman, Petr Jiracek (Vladimir Darida 72), Tomas Pekhart (David Lafata 82)

*Coach* – Michal Bilak

**Malta** – Andrew Hogg, Alex Muscat, Gareth Sciberras, Andrei Agius, Luke Dimech, Edward Herrera, Roderick Briffa, Michael Mifsud, Andrè Schembri (Paul Fenech 87), Steve Borg, Shawn Bajada (Ayrton Azzopardi 88)

*Coach* – Pietro Ghedin

Referee – Salmanov Anar (Azerbaijan)

Assistenti – Hashimov Mubariz, Abbasov Yashar (Azerbaijan)

Raba' Uff. – Aliyev Vusal (Azerbaijan)

Ammoniti – Ħadd

## Rawnd Preliminari

# Malta tirbaħ kontra San Marino ... u tispiċċa fit-tielet post



*Il-formazzjoni inizjali Maltija qabel il-logħba kontra San Marino*



*Iż-żewġ timijiet ta' Malta u San Marino ħerġin għall-partita ta' bejniethom*



*Il-plejers Maltin ikantaw l-innu Malti qabel il-partita kontra San Marino*




**RUPP 3 - KIF SPIĊĊAW**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| anda | 3 | 3 | 0 | 0 | 12 | 1 | 9 |
| lonja | 3 | 2 | 0 | 1 | 8 | 3 | 6 |
| lta | 3 | 1 | 0 | 2 | 4 | 10 | 3 |
| n Marino | 3 | 0 | 0 | 3 | 0 | 10 | 0 |

*Il-Maltin jiċċelebraw gowl kontra San Marino fir-rebħa ta' 4-0*

**09.10.2012 - 14.00 hrs**

**Polonja** 2
T. Kedziora 49 pen, P. Zielinksi 87
**San Marino** 0

HT 0-0 **Gosir Plewiska, Plewiska**

**Polonja** – Oskar Rybicki, Robert Sulewski, Adrian Liberacki (Patryk Stepinski 33), Tomasz Kedziora, Radoslaw Robakowski, Lukasz Wronski (Boartosz Biel 65), Piotr Zielinski, Jakub Legierski (Mariusz Stepinski 46), Kamil Wlodyka, Kamil Linetty, Martin Kobylanski
*Coach* – Januk Bialek
**San Marino** – Elia Benedettini, Riccardo Aluigi (Alessandro Zonzini 86), Manuel Battistini, Marco Bernardi, Juri Biordi, Francesco Cherubini, Davide Cesarini (Giacomo Guerra 66), Alessandro Golinucci, Gian Luca Proli, Francesco Severi, Andrea Zavoli (Luca Ceccaroli 46)
*Coach* – Joseph Berardi
**Referee** – Ilias Spathas (Greċja)
**Assistenti** – Damianos Efthimiadis (Greċja), Valentin Avram (Rumanija)
**Raba' Uff.** – Marius Avram (Rumanija)
**Ammoniti** – R. Sulewski, A. Liberacki, P. Zielinski (P); R. Aluigi, M. Bernardi, F. Severi, L. Ceccaroli (SM)

**09.10.2012 - 14.00 hrs**

**Olanda** 5
A. Achahbar 18, 61, N. Akè 31, K. Ebecilio 40, R. De Vilhena 64
**Malta** 0

HT 3-0 **Miejski Stadium - Miedzychod**

**Olanda** – Mickey van der Hart, Daan Disveld, Menno Koch, Lucas Woudenberg, Nathan Akè (Huseyin Dogan 72), Jean Paul Boetius (Brahim Darri 72), Tonny Trindade de Vilhena (Abdel Marek El Hasnaoui 64), Anass Achahbar, Kyle Ebecilio, Terence Kongolo, Nick de Bondt
*Coach* – Wim van Zwam
**Malta** – Jurgen Borg, Godwin McKay, Daniel Zerafa, Samir Arab, Brandon Muscat, Terence Agius (Johan Bezzina 71), Isaac Zammit (Ryan Camenzuli 64), Ayrton Micallef, Luke Grech, Luke Montebello (Ryan Spiteri 81), Dion Fava
*Coach* – Branko Nisevic
**Referee** – Nikolai Yordanov (Bulgarija)
**Assistenti** – Nikolay Angelov (Bulgarija), Jakub Winkler (Polonja)
**Raba' Uff.** – Adam Lyczmanski (Polonja)
**Ammoniti** – T. De Vilhena (O); S. Arab, T. Agius (M)

PREMIER

**11.10.2012 - 11.15 hrs**

**San Marino** 0
**Olanda** 4
A. Achahbar 13 pen, 44 pen, K. Ebecilio 67, Q. Menig 87

HT 0-2 **Szamotuski Arena - Szamotuly**

**S. Marino** – Elia Benedittini, Manuel Battistini, Marco Bernardi, Juri Biordi, Luca Ceccaroli (Lorenzo Francini 87), Francesco Cherubini, Davide Cesarini, Alessandro Golinucci, Gian Luca Proli, Francesco Severi (Luca Righi 40), Alessandro Zonzini (Edoardo Tosi 77)
*Coach* – Joseph Berardi
**Olanda** – Peter Leeuwenburgh, Daan Disveld, Jorrit Hendrix, Lucas Woundenberg, Jean-Paul Boetius, Tonny Trinidad de Vilhena (Abdel Malek El Hasnaoui 70), Anass Achahbar (Brahim Darri 60), Kyle Ebecilio, Danzell Gravenberch, Huseyin Dogan, Nick de Bondt (Queensy Menig 60)
*Coach* – Wim van Zwam
**Referee** – Nikolai Yordanov (Bulgarija)
**Assistenti** – Nikolay Angelov (Bulgarija), Jakub Winkler (Polonja)
**Raba' Uff.** – Adam Lyczmanksi (Polonja)
**Ammoniti** – M. Battistini, M. Bernardi, D. Cesarini 43 (SM); T. de Vilhena (O)

**11.10.2012 - 14.00 hrs**

**Polonja** 5
K. Wlodyka 21, 60, P. Zielinski 38, G. Horoszkiewicz 53, J. Legierski 75
**Malta** 0

HT 2-0 **Amica Stadium - Wronki**

**Polonja** – Oskar Rybicki, Robert Sulewski, Tomasz Kedziora, Gracjan Horoszkiewicz, Lukasz Kacprzycki (Bartosz Biel 63), Piotr Zielinski (Jakub Legierski 59), Kamil Wlodyka, Patryk Stepinski, Mariusz Stepinski (Mateusz Janeczko 69), Karol Linetty, Maritn Kobylanski
*Coach* – Janusz Bialek
**Malta** – Jurgen Borg, Godwin McKay, Scott Chircop, Daniel Zerafa, Samir Arab, Ryan Camenzuli, Brandon Muscat (Shaun Attard 71), Terence Agius (Llywelyn Cermona 58), Johan Bezzina, Ayrton Micallef (Ryan Spiteri 78), Luke Montebello
*Coach* – Branko Nisevic
**Referee** – Mariusz Avram (Rumanija)
**Assistenti** – Valentin Avram (Rumanija), Damianos Efthimiadis (Greċja)
**Raba' Uff.** – Ilias Spathas (Greċja)
**Ammoniti** – K. Linetty (P); D. Zerafa (M)

**14.10.2012 - 13.00 hrs**

**Olanda** 3
A. Achahbar 37, N. de Bondt 90, 91
**Polonja** 1
M. Stepinski 67

HT 1-0 **Amica Stadium - Wronki**

**Olanda** – Mickey van der Hart, Daan Disveld, Menno Koch, Lucas Woudenberg (Jorrit Hendrix 67), Nathan Akè, Jean Paul Boetius, Anass Achahbar, Kyle Ebecilio, Brahim Darri, Terence Kongolo, Abdel Malek El Hasbaoui (Nick de Bondt 83)
*Coach* – Wim van Zwam
**Polonja** – Oskar Rybicki, Robert Sulewski, Tomasz Kedziora, Gracjan Horoszkiewicz, Lukasz Wronski (Radoslaw Robakowski 46), Piotr Zielinski, Kamil Wlodyka, Patryk Stepinski, Mariusz Stepinski, Karol Linetty (Bartosz Biel 92), Martin Kobylanski
*Coach* – Janusz Bialek
**Referee** – Ilias Spathas (Ġreċja)
**Assistenti** – Damianos Efthimiadis (Greċja), Nikolay Angelov (Bulgarija)
**Raba' Uff.** – Nikolai Yordanov (Bulgarija)
**Ammoniti** – R. Sulewski, K. Linetty (P); N. de Bondt 84 (O)

**14.10.2012 - 13.00 hrs**

**Malta** 4
D. Zerafa 38 pen, J. Bezzina 57 pen, A. Micallef 72, L. Montebello 75
**San Marino** 0

HT 1-0 **Swarzedz Stadium, Swarzedz**

**Malta** – Jurgen Borg (Yenez Cini 78), Godwin McKay, Daniel Zerafa, Samir Arab, Ryan Camenzuli, Brandon Muscat (Terence Agius 70), Johan Bezzina, Ayrton Micallef, Luke Grech, Ryan Spiteri, Luke Montebello (Llywelyn Cremona 85)
*Coach* – Branko Nisevic
**San Marino** – Elia Benedettini (Andrea Manzaroli 91), Riccardo Aluigi (Edoardo Tosi 59), Manuel Battistini, Juri Biordi, Luca Ceccaroli, Francesco Cherubini, Davide Cesarini, Alessandro Golinucci, Gian Luca Proli, Francesco Severi (Alessandro Zonzini 81), Andrea Zavoli
*Coach* – Joseph Berardi
**Referee** – Marius Avram (Rumanija)
**Assistenti** – Valentin Avram (Rumanija), Jakub Winkler (Polonja)
**Raba' Uff.** – Adam Lyczmanski (Polonja)
**Ammoniti** – D. Zerafa, S. Arab (M); J. Biordi, F. Cherubini (SM)

# Il-Maltin isofru tliet telfiet



Beppe Jaccarini (Malta) ittakiljat minn Asgeir Sigurgeirsson (Islanda)



Juan Corbolan (Malta) segwit minn Albert Gudmundsson (Islanda)

**KIF SPIĊĊAW**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Norway | 3 | 3 | 0 | 0 | 5 | 1 | 9 |
| Portugall | 3 | 2 | 0 | 1 | 6 | 4 | 6 |
| Islanda | 3 | 1 | 0 | 2 | 4 | 6 | 3 |
| Malta | 3 | 0 | 0 | 3 | 2 | 6 | 0 |

**29.09.2012 - 13.00 hrs**

**Norveġja** 2
Z. Bytyqi 2, I. Fossum 28
**Malta** 1
J. Degabriele 42
HT 2-1 **Centenary Stadium**

**Norveġja** – Sondre Rossbach, Ola Jenssen, Bjorn Utvik (Rasmus Martinsen 32), Izantullah Ahmadzal, Iver Fossum, Morten Konradsen, Vajebah Sakor, Zymer Bytyqi (Tor Andre Aasheim 71), Runar Espejord, Ulrik Jenssen, Elias Skogvoll
*Coach* – Bard Flovik
**Malta** – Philip Shranz, Kurt Zammit (Beppe Jaccarini 66), Karl Micallef, Jurgen Sultana, Dunstan Vella (Andrew Cassar 59), Axl Xuereb, Jurgen Degabriele, Ian Montanaro, Clive Psaila, Juan Corbolan, Antoine Attard (Glenn Tabone 55)
*Coach* – Branko Nisevic
**Referee** – Bardyl Pashaj (Albanija)
**Assistenti** – Ridiger Cokaj (Albanija), Radu Ghinguleac (Rumanija)
**Raba' Uff.** – Radu Petrescu (Rumanija)
**Ammoniti** – I. Ahmadzai (N); A. Xuereb, C. Psaila (M)

**29.02.2012 - 16.00 hrs**

**Portugall** 4
S. Ribeiro 14, J. Postiga 17, 59, 63
**Islanda** 2
A. Gudmundsson 71, R. Tomasson 80 pen
HT 2-0 **Centenary Stadium**

**Portugall** – Andorinha, Bernardo Carlos, Diogo Verdasca, Ruben Neves, Sergio Ribeiro (Lisandro Semedo 62), Clever (Rafael Barbosa 60), Josè Postiga, Rui Moreira, Ricardo Carvalho, Serrano, Goncalo Guedes (Joao Costa 67)
*Coach* – Felipe Ramos
Sa mit-twaqqif tal-Youth FA, wieħed mill għanijiet prinċipali tal-Assoċjazzjoni, dejjem kienet il-formazzjoni u l għajnuna lejn il persuna. Is-sitwazzjoni f'pajjiżna bid-dħul ta' emigranti rregolari, kif ukoll b'każijiet soċjali oħra simili, kienu fatturi li dejjem ħasbu li t-tmexxija tal-Youth FA, fejn ħafna tfal u żgħażagħ ma setgħux jipprattikaw l-isport li tant iħobbu, minħabba diversi ristruzzjonijiet jew regolamenti. Il-Youth FA, għal dawn l-aħħar snin ħadmet biex tara kif tista' ssolvi xi ftit minn din il-problema. Wara diversi konsultazzjonijiet ġew imdaħħla regolamenti biex dawn it-tfal u żgħażagħ jingħataw spazju biex ikunu jistgħu jipparteċipaw ma' tfal Maltin taħt ċertu kundizzjonijiet.

Waqt konferenza tal-aħbarijiet, fis-Centenary Hall, nhar l-4 ta' Settembru, 2012, proprju ftit ġranet qabel bdew il-Kampjonati tal-Youth FA 2012/2013, l-Assoċjazzjoni nidiet dan il-proġett ta' Football Social Responsibility li dejjem emmnet fih. Għal din il-konferenza kienu preżenti u tkellmu l-imsieħba li appoġġaw dan il-proġett, fosthom l MFA, is Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, l-Oppożizzjoni u l-Kummissjonijiet ikkonċernati.

Għal Fr. Hilary, kienet dejjem għafsa ta' qalb meta kien ikollna tfal li jitħarrġu fin-Nurseries li ma setgħux ikunu nvoluti fil-kompetizzjonijiet, minħabba ċertu regolamenti. Ħafna ma kienux qed jinnotaw il-ħsara psikoloġika fuq dawn it-tfal. Fuq il-prinċipji li din il-logħba hija miftuħa għal kulħadd kienet l-aspirazzjoni biex il-Youth FA flimkien ma msieħba oħra taħdem biex tasal għal dak li kien qed jiġi mniedi waqt il-konferenza.

Fr. Hilary qal li kien ċert li jista' jkun hemm min ma jaqbilx ma' dan il-proġett, iżda dik il-ġurnata kienet oħra li għandha titniżżel fl-istorja tal-Assoċjazzjoni fejn b'dan kollu kienu qed jiġu mogħtija għajnuna u dritt lil dawk it-tfal anqas ixxurtjati minn tfal Maltin jew li setgħu b'xi mod jew ieħor jilagħbu. Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żagħżagħ u Sport, Clyde Puli, qal kif Malta dejjem ħarset lejn l-isfidi b'ottimiżmu, huwa kompla ħeġġeġ biex mhux il-Youth FA biss, imma kulħadd għandu jieħu dan l-eżempju u jaħdem biex tkun miġġielda kull diskriminazzjoni fl-isport filwaqt li kulħadd għandu jkun inkluż. Il-Kelliem għall-Opożizzjoni għall-iSport u NGO's is-sur Chris Agius, filwaqt li feraħ lill-Youth FA għal dan il-pass kuraġġuż għamel appell biex jintuża kull mezz biex tiġi miġġielda kull forma ta' diskriminazzjoni ta' razziżmu.

Is-sur Carmelo Mifsud, iċ-chairperson tal-Kummissjoni Emigranti, semma' kif sal-aħħar ta' Awissu 2012, kienu daħlu madwar 70 persuna (bniet u subien) ta' età bejn is-6 u 16-il-sena mingħajr dokumenti u kif permezz tal-futbol f'pajjiżna u permezz ta' dak li qed tagħmel il-Youth FA ser tagħti aktar ċans lil dawn it-tfal jintegraw fis-soċjetà, xi ħaġa li verament ħafna minn dawn it-tfal li jkunu għaddew minn trawma, verament għandhom bżonn l-isport bħala terapija għall-fejqan tagħhom. Din hija responsabbilità soċjali li t-tmexxija tal-Youth FA u n-nurseries għandhom biex ikunu kburin, temm jgħid is-sur Mifsud.

Is-sur Bjorn Vassallo, CEO tal-MFA li għalaq din il-konferenza, qal li ried iwassal messaġġ ċar ta' solidarjetà. Għalkemm hemm nies li jħarsu lejn dawn l-affarijiet min-naħa negattiva, permezz tal-futbol wieħed jista' jwassal messaġġ biex tinbidel il-mentalità. Finalment is-sur Vassallo appella lil dawk kollha nvoluti fil-futbol biex ikunu konxji tas-sitwazzjonijiet u jerfgħu r-responsabilitajiet soċjali għall-ġid komuni ta' kulħadd.

Sadanittant, ħames nurseries daħlu applikazzjonijiet FSR, għal talbiet ta' din ix-xorta, fejn filwaqt li diġà ġew ipproċessati xi wħud minnhom, oħrajn qed jiġu studjati biex jingħataw il-permess biex ikunu jistgħu jilagħbu skond ir-regolamenti l-ġodda tal-Assoċjazzjoni.

Dawk interessati li jiksbu kopja ta' dan il-film/dokumentarju huma mitluba li jibagħtu pagament ta' €5 flimkien mad-dettalji f'dan l-indirizz u numru tat-telefon lill:

**The Youth Football Association**
**Cententary Stadium - Ta' Qali.**



# Estimit Europa 2 viċin li jirbaħ għat-tielet darba konsekuttiva

Il-jott Sloven, Estimit Europa 2, jinsab viċin li jirbaħ il-Middle Sea Race għat-tielet sena konsekuttiva tat-33 edizzjoni tal-Middle Sea Race meta daħal l-ewwel wieħed fil-port ta' Marsamxett.

Dan il-jott huwa mmexxi mill-kaptan Jochen Schumann li fil-karriera tiegħu rebaħ ukoll midalja tad-deheb Olimpika kif ukoll The America's Cup.

It-tieni jott li spiċċa din it-tellieqa kien Ran (Niklas Zennstrom) biex kien il-favorti li jirbaħ Klassi 1.

Klassi 2 kienet għadha ndeċiża hekk kif it-taqtiegħa kienet bejn Cookson 50, Cantankerous, Speedy, Hi Fidelity u Optimum 3 Aspida.

Il-jott Taljan, Zenhea Takesha, deher fil-vantaġġ biex seta' jirbaħ Klassi 3 filwaqt li fi Klassi 4, il-jott Artie RTFX, immexxi minn Lee Satariano u Christian Ripard, kienu fil-vantaġġ u viċin li jispiċċa bħala r-rebbieħ.

Dawn ir-riżultati huma sakemm morna għall-istampa meta l-Middle Sea Race kienet tinsab proprju fl-aħħar sigħat tagħha.

B'kollox ħadu sehem 83 jott minn 19-il pajjiż differenti li kienu mqassmin f'ħames kategoriji, skond il-klassi tagħhom.

Din it-tellieqa, li hija l-ikbar waħda fil-Mediterran, għandha distanza ta' 606 mili nawtiċi fid-direzzjoni lejn il-lvant ta' Sqallija, imbagħad iddur lejn Messina u tibqa' sejra lejn Stromboli, Favignana, Pantalleria u Lampedusa qabel ma' tispiċċa fil-port ta' Marsamxett.

Ir-rekord huwa tal-jott Amerikan, Rambler, b'ħin ta' 47 siegħa, 55 minuti u 3 sekondi, li kien irreġistra, fl-2007.











# Investiment qawwi mill-gvern fil-faċilitajiet sportivi tal-iskejjel

**- €33 miljun għall-bini ta' skejjel ġodda mill-2008 'il hawn**
**- €7 miljun għall-bini ta' faċilitajiet sportivi fl-iskejjel ġodda**

Għal dawn l-aħħar erba' snin, il-Gvern investa xejn inqas minn €33 miljun għall-bini ta' skejjel ġodda mgħammra bl-aqwa teknoloġija u faċilitajiet edukattivi. F'dawn l-iskejjel il-Gvern investa wkoll €7 miljuni fil-faċilitajiet sportivi tagħhom u qiegħed fil-proċess li jinvesti €3.5 miljuni oħra fil-bini ta' Kumpless Sportiv *indoor* ħdejn il-Kulleġġ Sant'Injazju.

Waqt żjara li s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, għamel fil Kulleġġ Sant'Injazju, f'Tal-Ħandaq, fisser kif illum l-iskejjel huma attrezzati b'numru ta' faċilitajiet li jgħinu fl-iżvilupp akkademiku, fiżiku u soċjali tal-istudenti fosthom *technology workshops*, laboratorji tax-xjenza, laboratorji tal-informatika, klassijiet għat-tagħlim tal-arti, laboratorji għat-tagħlim tal-*home economics* u faċilitajiet sportivi ta' kwalità għolja.

Barra minn hekk, l-Onorevoli Puli spjega kif il-viżjoni tal-Gvern hija dik li l-iskejjel ikunu wkoll ċentri tal-komunità u għal dan il-għan il-faċilitajiet tagħhom qegħdin jintużaw ukoll mill-istess komunità wara l-ħin tal-iskola. B'dan il-mod, dawn l-istess faċilitajiet sportivi jkunu qed ixettlu sens ta' kultura sportiva, jagħtu saħħa fiżika u mentali lit-tfal sa minn età żgħira, kif ukoll jagħtu ċans lill-adulti u lill-Għaqdiet sportivi jagħmlu użu minnhom.

Fil-preżent, 18-il skola qed jintużaw minn 41 Għaqda Sportiva li qed jagħmlu użu minn dawn il-faċilitajiet filwaqt li madwar 1,400 membru, fil-Walking & Jogging Club tal-KMS qed jużaw it-trakka ta' tliet Kulleġġi tal-Istat – il-Kulleġġ ta' San Benedittu, il Kulleġġ Maria Regina u l Kulleġġ ta' Sant'Injazju. Dan minbarra li fil-ġimgħat li ġejjin, il-Gvern se jiftaħ ir-raba' ċentru fil-Kulleġġ Santa Margerita.

Bħalissa, il-Kulleġġ ta' Sant'Injazju jgawdi ħames laboratorji tal-kompjuters, sitt laboratorji tad-disinn u t-teknoloġija, tliet studjos tal-arti, disa' laboratorji tax-xjenza, żewġ laboratorji tal-home economics, kif ukoll grawnd bit-turf sintetiku, trakka tal-atletika u mistenni li tinbena pixxina biex tkun tista' takkomoda taħriġ fl-għawm.

Sadanittant, qed isir ukoll xogħol biex *nissan huts* storiċi, li jinsabu biswit il-Kulleġġ, jiġu kkonvertiti fi tliet *indoor gyms*.










# Jinbeda l-proċess mal-MEPA biex jinbena Kumpless Sportiv ġdid biswit il-Kulleġġ Sant'Injazju f'Tal-Handaq

## - Kumpless ġdid simili għal dak li nfetaħ Ħal Kirkop
## - Investiment ta' madwar €3.5 miljun

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

Dan l-aħħar tħabbar li bħalissa għaddejjin il-preparamenti biex jinfetaħ Kumpless Sportiv ġdid ħdejn il-Kulleġġ Sant'Injazju. Infatti, il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) diġà ssottomettiet il-pjanti ta' dan il-Kumpless lill-MEPA. Il-Kumpless Sportiv il-ġdid biswit l-iskejjel sekondarji tal-bniet u tas-subien tal-Kulleġġ Sant'Injazju, se jkun mibni fuq il-kunċett tal-Kumpless Sportiv Kirkop, jiġifieri, f'faċilità sportiva immirata għat-taħriġ.

Il-Kumpless Sportiv tal-Handaq jikkonsisti f'sala prinċipali ta' 44.1 metru b'29.1 metru. Din ser tkun ikkumplimentata bi tliet *changing rooms*, *reception* u klinika. Fl-ewwel sular, wieħed isib *fitness centre* li huwa mifrux fuq area ta' 24.7 metru b'9.5 metri kif ukoll uffiċċju. Fit-tieni sular, wieħed isib sala kbira ta' 24.7 metri b'9.5 metri li hija kkumplimentata bi *store*. Dan il-kumpless ser jikkonsisti wkoll f'parkeġġ taħt l-art biex jaqdi l-ħtieġa tal-għalliema li jgħallmu fil-kulleġġ kif ukoll ta' dawk li jużaw dan il-kumpless.

Barra minn hekk jikkumplimentaw il-Kumpless il-ġdid tal-Ħandaq hemm il-grawnd bil-ħaxix artifiċjali 7-a-side u t-trakka tal-mixi, court tal-basketball



court, żewġ *nissan huts* li fil-preżent qed jiġu restawrati u ser jiġu mibdula f'faċilitajiet sportivi *multi purpose*, il-gym l-antik tal-iskola li wkoll qed jiġi rrestawrat u ser isiru xogħlijiet biex dan jiġi mmodernizzat kif ukoll *nissan huts* oħra li fil-passat kienu s-sala ewlenija tal-iskola, wkoll ser jintużaw biex isiru attivitajiet sportivi.

Flimkien ma' dawn, fil-preżent qed jiġu żviluppati tliet żoni *out door* fl-iskola sekondarja tal-bniet biex ikunu jistgħu jintużaw għal skopijiet ta' sport u attività fiżika. Hemm il-ħsieb ukoll biex biswit dan il-kumpless tiġi żviluppata pixxina li taqdi l-ħtieġa tal-istudenti waqt il-ħin tal-iskola kif ukoll tal-komunità wara l-ħin tal-iskola.












# Special Olympics Malta Logħob Nazzjonali 2012

## - Imniedi l-Healthy Athlete Programme

Matul ix-xahar ta' Settembru, il-Kumitat Malti tal-iSpecial Olympics kien impenjat bl-organizzazzjoni tal-Logħob Nazzjonali li seħħew bejn, it-Tlieta 25 u l-Gimgħa 28 ta' Settembru. 'Il fuq minn 400 atleta ipparteċipaw fl-edizzjoni uffiċjali ta' dawn il-Logħob flimkien ma' delegazzjoni ta' 27 persuna minn tliet reġjuni Taljani li huma Puglia, Lombardia u Ruma.

Il-parteċipanti kkompetew f'dixxiplini differenti - ġiri, soft ball throw, long jump u shot put fil-Marsa Sports Grounds - dixxiplini akwatiċi bħal ma huma freestyle, breast stroke u tlielaq relay fil-Pixxina Nazzjonali, tal-Qroqq, kif ukoll kompetizzjonijiet tal-bowling, fl-individwali u d-doubles fl-Eden Superbowl, Paceville.

Dan l-avveniment kien parti minn programm ieħor speċjali li sar fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera, magħruf bħala l-Healthy Athlete Programme. Dan offra opportunità lill-atleti kollha li pparteċipaw li jiġu skrinjati permezz ta' makkinarju speċjali mibgħut mill-iSpecial Olympics International fl-Istati Uniti, flimkien ma' makkinarju ieħor provdut mill-Ministeru tas-Saħħa. Atleti li nstabu fi bżonn ta' xi nuċċali tal-vista ingħataw wieħed dak il-ħin, apparti li dan il-programm offra wkoll eżami għall-widnejn, saqajn u saħħa ġenerali.

Waqt dan l-avveniment, il-Healthy Athlete Programme organizzat konferenza stampa fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera fejn is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, kien mistieden biex jiftaħ dan il-programm. Il-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tiegħu George Abela, ukoll żar iċ-ċentru fejn faħħar ħafna x-xogħol tal-kumitat tal-iSpecial Olympics Malta. Matul din l-attività, ġiet mtella' sessjoni tal-ġinnastika minn atleti minn Special Olympics Malta.











kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt



Dawn l-avvenimenti ngħataw bidu b'ċerimonja tal-ftuħ spettakolari li saret fil-Marsa Sports Grounds. Din kienet tinkludi ġirja bit-torċa Olimpika li ġiet organizzata b'kollaborazzjoni mal-Korp tal-Pulizija ta' Malta u li ġiet inawgurata fi Pjazza San Ġorġ, fil-Belt Valletta. Sitt atleti mill-iSpecial Olympics Malta, tnejn mill-iSpecial Olympics Italja, u tmien membri tal-Korp tal-Pulizija, ġrew bit-torċa mixgħula mill-Belt Valletta sal-Marsa Sports Grounds, fejn inxtegħlet l-urna Olimpika biex tinawgura uffiċjalment il-ftuħ ta' dawn il-Logħob. Iċ-ċerimonja, li ġiet ippreżentata minn Pauline Agius, ingħatat bidu b'parata mill-atleti u kowċis tal-iSpecial Olympics Malta u kompliet bi spettaklu mużikali minn Nadine Axisa, Renzo Spiteri, Ira Losco u Winter Moods. Fiċ-ċerimonja kien hemm ukoll kelliema fosthom iċ-Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSports, Bernard Vassallo, u d-Direttur Nazzjonali għall-iSpecial Olympics Malta, Anna Calleja.

Il-Logħob nazzjonali tal iSpecial Olympics 2012, kif ukoll il-Healthy Athlete Programme ma kinux ikunu possibbli mingħajr l-għajnuna tal-KMS, il-Korp tal-Pulizija ta' Malta, is-Segretarjat għaż-Żgħażagħ u Sport u l-Ministeru tas-Saħħa.

# Mdina Grand Prix 2012

## Tlett ijiem ta' spettaklu ta' antik u modern fl-Imdina Grand Prix

Nhar il-Ħadd, 14 ta' Ottubru, ġew fi tmiemhom tlett ijiem li matulhom sar il-Grand Prix tal-Imdina. Dan il-Grand Prix sar fuq medda ta' 2.2 kilometri u bejn nhar is-Sibt u l-Ħadd saru t-tlielaq.

Fl-ewwel jum saret Hill Climb, l-Imtaħleb, filwaqt li fit-tieni jum, fil-pjazza ta' quddiem il-Katidral tal-Imdina saret wirja ta' dawn il-karozzi, kemm antiki kif ukoll moderni.

Il-Ħadd filghodu, f'kundizzjonijiet ideali, fl-isfond tas-swar tal-Imdina kien hemm fl-azzjoni madwar 80 parteċipant. Quddiem pubbliku numeruż saru dawriet ta' dimostrazzjoni maqsuma f'seba' gruppi b'mod li dawk preżenti setgħu jaraw mill-qrib vetturi li huma parti mill-istorja tas-sewqan.

Hawnhekk il-karozzi ġrew darbtejn fis-sessjoni ta' filgħodu u darbtejn oħra f'sessjoni oħra wara nofs in-nhar.










HERTZ




36


PFF·662



# Titnieda mill-ġdid skema ta' sussidju għall-studenti universitarji li jużaw il-faċilitajiet sportivi tal-Kumpless Sportiv tal-Qroqq

## - Fl-aħħar sentejn madwar 2,500 student għamlu użu minn din l-iskema




Fl-aħħar sentejn madwar 2,500 student universitarju għamlu użu minn skema li nieda l-Gvern permezz tal-Kunsill Malti għall-Isport bl-għajnuna tal-Malta University Sports Club (MUSC), li qed tagħti skont lill-istudenti meta jagħmlu użu mill-faċilitajiet sportivi tal-Kumpless Sportiv tal-Qroqq.

Dan ħabbru is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport Clyde Puli meta aktar kmieni dan ix-xahar attenda il-Freshers' Week fl-Università ta' Malta organizzata mill-Kunsill Studenti Universitarji.

Fl-istand tal-Malta University Sports Club (MUSC) hu nieda għal darb'oħra din l-iskema sportiva biex l-istudenti Universitarji jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-faċilitajiet sportivi fil-Kumpless Sportiv, Tal-Qroqq, b'rati mnaqqsa.

Għal din l-iskema jistgħu japplikaw kemm studenti full time, studenti part time, kif ukoll studenti internazzjonali. Dawn l-istudenti jistgħu japplikaw għall-perjodu ta' sitt xhur b'rata issussidjata ta' €70 jew sena b'rata issussidjata ta' €130.

Dawn ir-rati mhux biss huma rati ferm irħas minn memberships f'diversi gyms privati madwar Malta iżda jinkludu fihom l-użu ta' faċilitajiet oħra fosthom il-pixxina Nazzjonali, li hija pixxina Olimpika imsaħħna matul ix-xhur tax-xitwa.

Aktar minn hekk l-istudenti li japplikaw f'din l-iskema sportiva jistgħu jagħmlu użu mill-ismart card biex iħallsu din il-miżata.

Fl-aħħar xhur din l-iskema kompliet tikseb popolarità fost l-istudenti Universitarji għaliex mhux biss il-faċilitajiet huma viċin ħafna il-kampus tal-Università u l-istudenti jistgħu imorru bejn lezzjoni u oħra, iżda fl-aħħar xhur sar titjib kbir f'dan il-kumpless. Fil-fatt fl-aħħar xhur sar titjib fl-infrastuttura u l-magni tal-gym, titjib fix-showers u ċ-changing rooms u xogħol strutturali ieħor.

Dan kollu qiegħed iħajjar mijjiet ta' studenti kull sena biex jagħmlu użu minn dawn il-faċilitajiet.

L-MUSC hija responsabbli mill-promozzjoni tal-isport fil-kampus u torganizza attivitajiet sportivi annwali. Fost dawn l-attivitajiet hemm tournaments f'diversi dixxiplini sportivi bejn il-fakultajiet. L-MUSC toffri wkoll korsijiet ta' trekking, rock climbing u abseiling b'rati issussidjati.

Bi sħab mal-KMS, l-MUSC torganizza wkoll l-iSports Fest kull sena b'attivitajiet sportivi bħal baseball, mini golf u life size chess li jittellgħu fil-quadrangle tal-Università.



# Low back pain in athletes III

by Dr. Kirill Micallef Stafrace

Sports and Exercise Medicine Consultant and Senior Lecturer in Sports Science




Everybody is conversant on back pain derived from the spinal discs and yet pain deriving from the facet joints of the spine and the adjacent bone is very common in sports as a result of the overload that these weight bearing and stabilising joints of the lumbar spine are subjected too during athletic activities.

Pain from these joints often presents as a diffuse pain characteristically aggravated by arching the spine backwards and eased by sitting or bending forward .Repeated impaction of these joints or a sudden episode of hyperextension can cause a local inflammatory response. Hence, overuse in these joints can occur with running and jumping and the impact is compounded if the inappropriate footwear and athletic surfaces are used for the sport in question. It can also occur when the back is hyper extended, typically in sports such as javelin throwing, bowling a cricket ball or gymnastics.






Tightness of the surrounding and leg musculature can precipitate the problem and achieving flexibility of these muscles and full range of motion of the relevant joints is a mainstay of the prevention and treatment of facet joint problems.

Lumbar stress fractures are an infrequent but potentially career threatening occurrence in young athletes. The most prone are those involved in sports that require repetitive impact loading, combined with hyperextension and rotation such as gymnastics, football and diving.

Unfortunately in the lumbar spine, unlike in the thorax, the facet joints are aligned in such a way that they permit excellent forward and backward bending of the spine, but poor rotation. Thus, repetitive extension and rotation in certain sports places a strain on the bones linking the joints ( pars interarticularis). If this is allowed to go on you can have a stress fracture (spondylolysis). This usually starts on one side of a vertebra but due to the subsequent overloading of the other side you can have a stress fracture of both pars interarticularis. If enough stress and shear is continuously applied to the damaged vertebra you can even have vertebral forward slippage (spondylolisthesis) that can also damage the discs and spinal nerves at the affected level. This is obviously much more serious and can require quite invasive surgery.

Awareness of these possible health issues in young athletes participating in sports that subject their backs to high strains can lead to a massive reduction in their incidence. Appropriate training, nutrition and education are key to thwarting the occurrence of stress fractures.

*Dr. Micallef Stafrace is a sports medicine consultant physician and senior lecturer in sport science.*



# Kampjonat mill-aqwa fil-korsa tal-Marsa





**Wara l-waqfa tas-sajf, l-ispettaklu fil-korsa tal-Marsa kompla b'aktar tiġrijiet f'Settembru u f'Ottubru.**

L-ewwel laqgħat tawna ndikazzjoni taż-żwiemel li ġejjin fil-forma fit-tieni fażi tal-istaġun. Diversi żwiemel għamlu r-ritorn tagħhom wara nuqqas pjuttost twil u wħud minnhom kellhom anke suċċess mill-ewwel.

Imbagħad beda l-Kampjonat tal-Ħarifa Cassar Petroleum għall-Klassi Premier u Condition Races għall-Klassijiet l-oħrajn, fuq distanza qasira ta' 2,140m.

Proprju f'dan tmiem il-ġimgħa, isiru serje ta' finali, waħda għal kull Klassi, bl-aktar waħda mportanti tkun dik riservata għall-Klassi Premier, fejn ikun hemm 12-il żiemel tat-trott mill-aqwa ġejjin mill-Finlandja, Franza, Ġermanja, Olanda u l-iSvezja u li wħud minnhom diġà rebħu kampjonati prestiġjużi f'pajjiżna.

Imbagħad, f'nofs Novembru naraw il-bidu tal-kampjonat tal-Franċiżi, li jara fl-azzjoni (fuq distanza itwal ta' 2,640m)

**Il-Ġimgħa, 14 ta' Settembru, 2012**

**Race 1 – (2140m)**
**Class Copper Autostart**
01. Icare de Jemma (Tony Demanuele) – Ħin: 1'17"5
02. Nox Blue (Rodney Gatt)
03. Mirage d'Ete (Charles Camilleri)

**Race 2 – (2140m)**
**Class Bronze Autostart**
01. Orio de Marancourt (Francis Cassar) – Ħin: 1'17"6
02. Widget (Michael Ellul)
03. Linus Spot (Charles Farrugia)

**Race 3 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
01. Pile Ou Face (Joe Schembri) – Ħin: 1'17"0
02. Notre Joyeux (Charles Camilleri)
03. Bankiren (Rodney Gatt)

**Race 4 – (2140m)**
**Class Bronze Autostart**
01. Marco Barbes (Kevin Sciberras) – Ħin: 1'17"9
02. King Boy de Dane (Charlo Debono)
03. Above Roland (George Attard)

**Race 5 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
01. Ygor of Pass (Tony Demanuele) – Ħin: 1'16"2
02. Orage du Pont (Charles Camilleri)
03. Daring Daylight (Redent Magro)

**Race 6 – (2140m)**
**Class Premier Autostart**
01. Quick Cape (Julian Farrugia) – Ħin: 1'17"9
02. Ouragan d'Any (France Gauci)
03. Power Night Star (Mario Falzon)

**Race 7 – (2140m)**
**Class Gold Autostart**
01. Pouvoir Magique (David Galea) – Ħin: 1'16"9
02. Novak (Tony Demanuele)
03. Rich Kemp (Charles Camilleri)

**Race 8 – (2140m)**
**Class Premier Autostart**
01. Major Chaleonnais (Charlo Debono) – Ħin: 1'16"3
02. Bonus Kall (Shaun Portelli)
03. Veikko Hornline (Carl Caruana)

**Race 9 – (2140m)**
**Class Premier Autostart**
01. Little Nick (Darren Mizzi) – Ħin: 1'16"6
02. Oh de Pestel (Julian Farrugia)
03. Energy Launcher (Charles Camilleri)

**Race 10 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
01. Onwards Star (Redent Magro) – Ħin: 1'18"6
02. Darco As (Mark Tanti)
03. Prince Brilliance (Charles Camilleri)

**Il-Ġimgħa, 21 ta' Settembru, 2012**

**Race 1 – (2140m)**
**Class Copper Autostart**
01. Jibilo de Terme (Ramon Briffa) – Ħin: 1'18"6
02. Mirage d'Ete (Tony Tanti)
03. Orasi Index (Kevin Sciberras)

**Race 2 – (2140m)**
**Class Bronze Autostart**
01. Orio de Marancourt (Francis Cassar) Ħin: 1'17"8
02. King Boy du Dane (Charlo Debono)
03. Linus Spot (Darren Mizzi)

**Race 3 – (2140m)**
**Class Bronze Autostart**
01. Morgan Kane (Shaun Portelli) – Ħin: 1'19"3
02. Syllabub (Rodney Gatt)
03. Simone Surgy (Alex Farrugia)

**Race 4 – (1250m)**
**Class A Flat Race**
01. Cheeky Jack (Charles Vella) – Ħin: 1'13"6
02. Timolin (Ramon Grima)
03. Mr Roxy Music (Demis Zammit)

**Race 5 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
01. Flying As (Jonathan Farrguia) – Ħin: 1'18"3
02. Olympio des Loyaux (James Carabott)
03. Prince Feulavoir (Joseph Bartolo)

**Race 6 – (2140m)**
**Class Gold Autostart**
01. Chaco Bar (Carl Caruana) – Ħin: 1'17"5
02. Natif de Salvi (Kurt Saliba)
03. Orion de Vaumicel (Francis Cassar)

**Race 7 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
01. Nasdaq de Closet (Eugenio Zerafa) – Ħin: 1'18"0
02. Bankiren (Rodney Gatt)
03. Stonecreek (Etienne Mallia)

**Race 8 – (2140m)**
**Class Gold Autostart**
01. Beckham Bob (Charles Camilleri) – Ħin: 1'17"8
02. Podium (Julian Farrugia)
03. No Comprendo (Andrew Farrugia)

**Il-Ħadd, 30 ta' Settembru, 2012**

**Race 1 – (2140m)**
**Class Bronze Autostart**
01. Icare de Jemma (Tony Demanuele) – Ħin: 1'17"7

in-numru kbir ta' żwiemel Franċiżi li għandna f'pajji]na f'kampjonat għal kull Klassi riservat esklussivament għalihom.

Lejn l-aħħar ta' Novembru, tibda wkoll it-Tazza tal-President, bi storja twila u prestiġjuża, miftuħa għal żwiemel tal-aqwa Klassi tan-nazzjonalitajiet kollha fuq distanza ta' 2,640m.

Il-finali tal-Kampjonat tal-Franċiżi u tat-Tazza tal-President jinżammu t-tnejn fix-xahar ta' Diċembru.

Ġew ippremjati wkoll is-sewwieqa li rebħu l-unur tas-sewwieq tax-xahar - France Cassar għal Lulju u Charlo Debono għal Settembru.

F'dawn l-aħħar ġimgħat kellna wkoll appuntamenti internazzjonali għas-sewwieqa tagħna. Noel Baldacchino u Tony Demanuele rrappreżentawna fl-aħħar tapep tal-Kampjonat tal-Mediterran, fejn Malta kisbet riżultat prestiġjuż ieħor, meta spiċċat fit-tieni post fil-klassifika assoluta. Prosit kbira tmur għas-sewwieqa li rrappreżentawna f'dan il-kampjonat.

Noel Baldacchino pparteċipa wkoll fil-Kampjonat Ewropew għas-Sewwieqa Professjonisti f'konfront ma' wħud mill-aqwa sewwieqa fl-Ewropa.

Attrazzjonijiet kemm lokali kif ukoll internazzjonali. Kif jgħidu l-Ingliżi "Never a dull moment" għall-parteċipanti u l-ispettaturi ta' dan l-isport dejjem aktar popolari f'pajjiżna!

02. Hawkear (Rodney Gatt)
03. Donna Giant (Herman McKay)

**Race 2 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
01. Orage de Pont (Charles Camilleri) – Ħin: 1'17"9
02. Soren Sufflor (Rodney Gatt)
03. Ostheo D'Havetot (Andrew Farrugia)

**Race 3 – (2140m)**
**Class Premier Autostart**
01. Maximal Value (James Briffa) – Ħin: 1'16"1
02. Sultan November (Frank Portelli)
03. Zilver Bako (Tony Demanuele)

**Race 4 – (2140m)**
**Class Premier Autostart**
01. Celebrity Photo (Marvin Cauchi) – Ħin: 1'15"1
02. Livi Cantona (Charles Camilleri)
03. Veikko Hornline (Carl Caruana)

**Race 5 – (2140m)**
**Class Gold Autostart**
01. Netter Williams (Redent Magro) – Ħin: 1'17"1
02. Ygor of Pass (Tony Demanuele)
03. Oscar de Meu (Francis Cassar)

**Race 6 – (2140m)**
**Class Gold Autostart**
01. Think Yatzee (Clint Vassallo) – Ħin: 1'15"9
02. Troy Boshoeve (Salvu Vella)
03. Matrix Reloaded (Rodney Gatt)

**Race 7 – (2140m)**
**Class Gold Autostart**
01. Mont Cenis Honey (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'15"8
02. Label Chouan (David Ellul)
03. Major Chaleonnais (Charlo Debono)

**Race 8 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
01. Zerbin (Charlo Debono) – Ħin: 1'18"0
02. Kapro Wareco (Mario Fenech)
03. Onwards Star (Redent Magro)

## Il-Ħadd, 7 ta' Ottubru, 2012

**Race 1 – (2140m)**
**Class Copper Autostart**
01. Esmeralda Run (Redent Magro) – Ħin: 1'18"1
02. Malta Sara B. (Clint Vassallo)
03. Verdi Broline (Laura Cunningham)

**Race 2 – (2140m) – Class Bronze Autostart**
01. Donna Giant (Herman McKay) – Ħin: 1'18"3
02. One Fouteau (Jonathan Zammit)
03. Nolan Streamline (Andy Mifsud)

**Race 3 – (2140m) – Class Bronze Autostart**
01. Law Suit (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'17"7
02. Syllabub (Rodney Gatt)
03. Petit Veinard (Andrew Magro)

**Race 4 – (1750m)**
**Class A Flat Race**
01. Cheeky Jack (Charles Vella) – Ħin: 1'47"80
02. Timolin (Ramon Grima)
03. Wildnis (Demis Zammit)

**Race 5 – (2140m)**
**Class Gold Autostart**
01. No Comprendo (Andrew Farrugia) – Ħin: 1'47"80
02. Hulot (Jason Vassallo)
03. Paradis du Lupin (Ramon Briffa)

**Race 6 – (2140m)**
**Class Gold Autostart**
01. Ygor of Pass (Tony Demanuele) – Ħin: 1'16"4
02. Newman (Kevin Sciberras)
03. Milano de Gite (Clint Vassallo)

**Race 7 – (2140m)**
**Class Premier Autostart**
01. Candy Fantasy (Melvin Farrugia) – Ħin: 1'16"7
02. Knockout Molar (Charles Camilleri)
03. Oscar de la Vallee (Sammy Micallef)

**Race 8 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
01. Socrates (John Briffa) – Ħin: 1'16"4
02. Kapro Wareco (Mario Fenech)
03. Prao de Bussy (Ivan Stivala)

## Il-Ħadd, 14 ta' Ottubru, 2012

**Race 1 – (2140m)**
**Class Copper Autostart**
01. Ksar (Kurt Saliba) – Ħin: 1'18"5
02. Kung Fjalar (Joseph Tabone)
03. Orasi Index (Kevin Sciberras)

**Race 2 – (2140m)**
**Class Bronze Autostart**
01. Marchallach (Rodney Gatt) – Ħin: 1'17"1
02. Napol de Mal (Ronald Cassar)
03. Icare de Jemma (Tony Demanuele)

**Race 3 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
01. Orio de Marancourt (Francis Cassar) – Ħin: 1'17"8
02. Rally Simb (James Briffa)
03. Marco Barbes (Kevin Sciberras)

**Race 4 – (2140m)**
**Class Silver Autostart**
01. Lucas Ness (Mario Farrugia) – Ħin: 1'17"4
02. Lass John (Darren Grima)
03. Darco As (Mark Tanti)

**Race 5 – (2140m)**
**Class Premier Autostart**
01. Mars (Joseph Cassar) – Ħin: 1'15"8
02. Oros de Reve (Charles Camilleri)
03. Skip Dimanche (Charlo Debono)

**Race 6 – (2140m)**
**Class Gold Autostart**
01. Netter Williams (Redent Magro) – Ħin: 1'15"7
02. Baron G. L. (Clint Vassallo)
03. Naja In Blue (Mario Falzon)

**Race 7 – (2140m)**
**Class Premier Autostart**
01. Think Yatzee (Clint Vassallo) – Ħin: 1'15"9
02. Veikko Hornline (Carl Caruana)
03. Troy Boshoeve (Salvu Vella)

**Race 8 – (2140m)**
**Class Gold Autostart**
01. Ozerio (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"1
02. Keeping Quality (Charlie Magro)
03. Okir de Leau (Brian Hili)

## Il-Ħadd, 21 ta' Ottubru, 2012

**Race 1 – (1640m)**
**Class Copper Autostart**
01. Ariane A (Tony Demanuele) – Ħin: 1'14"0
02. Louise Wood (Mark Desira)
03. Luriga Liz (Brian Pulis)

**Race 2 – (1640m)**
**Class Bronze Autostart**
01. Icare de Jemma (Tony Demanuele) – Ħin: 1'17"0
02. Linus Spot (Charles Farrugia)
03. Nuthan d'Emi (Clifferty Calleja)

**Race 3 – (1640m)**
**Class Silver Autostart**
01. Baronello (Jason Vassallo) – Ħin: 1'15"7
02. Oural D'Asnois (Patrick Spiteri)
03. Passons d'Ortige (Herman McKay)

**Race 4 – (1250m) – Class A Flat Race**
01. Timolin (Ramon Grima) – Ħin: 1'14"2
02. Four Richer (Demis Zammit)
03. Priviledged Boy (Michael Sultana)

**Race 5 – (1640m) – Glass Gold Autostart**
01. St. Andrew L.B. (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'14"4
02. Imbra d'Alfa (Charles Camilleri)
03. Quid de la Muette (Mark Desira)

**Race 6 – (1640m) – Glass Silver Autostart**
01. Lonestar Somolli (Brian Zammit) – Ħin: 1'15"1
02. Lacoste I.T. (Eric Bezzina)
03. Arctic Tooma (Mario Farrugia)

**Race 7 – (1640m) – Glass Silver Autostart**
01. Oncle Sam (Clive Gerada) – Ħin: 1'14"1
02. Nitesco D'Antony (David Ellul)
03. Nagano Phedo (Mario Fenech)

**Race 8 – (1640m) – Glass Bronze Autostart**
01. Mr King (France Tanti) – Ħin: 1'16"7
02. Marlow AS (Christian Vassallo)
03. Mr. Snowman (Jeffrey Said)


L-Onorevoli Giovanna Debono tawgura lill-plejers Għawdxin


L-Onorevoli Chris Said jieħu b'id il-plejers Għawdxin

## UEFA Regions Cup - Rawnd Intermedjarju - Grupp 5

# FC Olimp Moscow jikkwalifikaw għall-final b'punti massimi

## - L-Għawdxin jispiċċaw fit-tieni post

**Grupp 5 tar-Rawnd Intermedjarju tal-UEFA Regions Cup ġie organizzat f'Għawdex, f'nofs ix-xahar ta' Ottubru. Dan kollu seħħ wara li l-Malta Football Association aċċettat it-talba Għawdxija biex ikunu huma li jieħdu sehem f'din il-kompetizzjoni internazzjonali tal-UEFA.**

Għaldaqstant wara li s-selezzjoni Għawdxija kienet ipparteċipat fl-ewwel edizzjoni ta' din il kompetizzjoni, fejn kienu sofrew tliet telfiet fi Grupp 5 tal-ewwel rawnd, din id-darba l-Għawdxin qamu għall-okkażjoni fejn irnexxielhom jakkwistaw rebħa, draw u telfa. Bl-erba' punti miksuba huma spiċċaw fit-tieni post tal-grupp wara FC Olimp ta' Moscow li ddominaw il-logħob tagħhom bi tliet rebħiet kbar u mingħajr anke ma soffrew l-ebda gowl.

Huma kkonfermaw il-livell għoli tagħhom fejn issa l-appuntament tagħhom ikun għall-fażi finali, f'Ġunju li ġej. Protagonisti għalihom kienu d-diversi plejers li ħallew impressjoni ferm tajba, b'Sergey Orlov jispiċċa l-aqwa skorer tat-tournament b'ħames gowls. Kien ovvju ġġustifikat il-ferħ u ċ-ċelebrazzjonijiet tal-plejers u l-uffiċjali fi tmiem l-aħħar logħba tagħhom fil-Gozo Stadium mad-daqq tad-diska 'We are the Champions'. ATF Ialoveni tal-Moldova, u Rinuzi/Strong tal-Latvja spiċċaw fit-tielet u r-raba' post rispettivament.

Fuq il-parteċipazzjoni Għawdxija kien hemm ċertu xettiżiżmu meta wieħed beda jaħseb li l-oppożizzjoni ser tkun minn tliet timijiet eks-Sovjetiċi. Kulħadd jaf is-saħħa u d-dixxiplina kalċistika li jippossjiedu dawn it-timijiet. Għal dan l-għan l-amministrazzjoni tal-GFA reġgħet fdat it-tmexxija lil Eddie Vella, eks-plejer nazzjonali Malti u li anke kien intagħżel bħala l-aħjar plejer tas-sena tal-MFA fl-istaġun 1974-75.

Vella rnexxielu jifforma skwadra b'mentalità rebbieħa minkejja l-limitazzjonijiet li kien imdawwar bihom. Huwa bbaża t-tim fuq Alex Simoncic, plejer li ilu snin twal jilgħab fil-futbol Għawdxi. Miegħu sawwar nukleu ta' plejers fejn minkejja l-isfortuna ta' diversi injuries li kellhom jirtiraw mis-selezzjoni, diversi elementi mportanti bħal Milos Stojanovic, Mario Azzopardi, Saviour Attard, Jason Portelli, Elton Vella u oħrajn, il-plejers imsejħa kollha għamlu sagrafiċċji kbar biex onoraw b'mod mill-aktar sublimi din is-sejħa li jirrappreżentaw lil Għawdex u Malta.

Għalhekk meta wieħed jiftakar li l-plejers tagħna qatt ma lagħbu tliet partiti fi spazju ta' ħamest ijiem, jikber iktar il mertu tal pjazzament denju tat-tieni post tal-Għawdxin fil-klassifika finali.

Bla dubju, l-Għawdxin setgħu faċilment spiċċaw anke rebbieħa fl-aħħar logħba, iżda bejn l-għejja li kienet evidenti fuq it-tim, kif ukoll li għal din il-logħba Eddie Vella kellu






L-iskwadra ta' Gozo taħt it-tmexxija tal-kowċ Eddie Vella

biss tliet plejers sostituti għad-diżpozizzjoni tiegħu, għall-fatt ukoll li matul il-kompetizzjoni komplew iweġġgħu aktar plejers bħal Joseph Portelli, Joseph Cefai u Rodney Buttigieg.

Bir-regolamenti ma jippermettux li jistgħu jinbidlu plejers mil-lista ta' 18 ippreżentata lid-delegat tal-UEFA lejliet il-kompetizzjoni, l-isforz kien wieħed ikbar u għal dan il-plejers li rrappreżentaw lil Gozo Football Association ġibdu kull ammirazzjoni. Wieħed irid ukoll japprezza l-koperazzjoni tal-klabbs Għawdxin li l-plejers magħżula ġew minn għandhom minkejja l-impenji domestiċi bħal U*BET FA Trophy tal-MFA.

Apparti t-tim parteċipattiv, kien hemm anke t-tim organizzattiv fejn għall-ewwel darba l-GFA organizzat kompetizzjoni simili waħedha. Għal minn ma jafx, il-UEFA minn dan l-istaġun, qed tagħmel enfasi kbira fuq il-faċilitajiet medikali, kemm għal waqt il-kompetizzjoni, kif ukoll għal waqt is-sessjonijiet tat-taħriġ.

L-MFA, appena xhur ilu, għaddiet din l-organizzazjoni lill-GFA, kif ukoll ifformat il-Kumitat Organizzattiv b'Joe Bajada jinħatar id-direttur tat-Tournament. Miegħu kien assenjat Franz Tabone biex min-naħa tal-MFA jkun ikkoordinat dan ix-xogħol kollu organizzattiv. Magħhom kienu msawra diversi uffiċjali oħra tal-GFA, bħall-president Alvin Grech u George Cini li kien responsabbli mill-akkomodazzjoni u t-trasport kollu tat-timijiet barranin u l-uffiċjali tal-logħob.Ġew maħtura anke l-*liaison officers* ma' dawn it-timijiet li kienu Joe Camillei, Paul Galea u Saviour Bajada. Hawn bdew isiru diversi laqgħat li żdiedu iktar ma beda jasal iż-żmien tat-tournament.

Sar anke xogħol infrastrutturali mill-ħaddiema assenjati mill-Ministeru għal Għawdex biex jintlaħqu l-esiġenzi mitluba bix-xogħol ikun ikkoordinat minn Mario Camilleri u Charlie Farrugia. Dr. Mario Saliba kkoordina t-tim mediku li kien ifformat minn membri tal-ERRC. Dan kollu juri l-kollettiv biex is-suċċess għall-Għawdxin kien wieħed doppju.

Jikkonferma dan kollu l-kliem ta' tifħir li rċieva t-tim organizzattiv kemm mid-Delegat tal-UEFA, is-Sloven David Mc Dowell, kif ukoll tal-Grieg Platon Bozatzidis li serva bħala Osservatur tar-Referis. L-istess apprezzament u tifħir wasal mingħand l-uffiċjali tat-timijiet li ħadu sehem li kienu l-ATF Ialoveni tal-Moldova, Rinuzi/Strong tal-Latvja u r-Russi ta' FC Olimp Moscow.

Tifħir ieħor wasal mill-uffiċjali li kkontrollaw il-logħob li kienu Richard Trutz u Ondrej Brendza (Slovakkja), Joao Carlos Santos Capela u Nuno Filipe Santos Tomas Pereira (Portugall) u Damir Batinic u Dalibor Conjar (Krozja).

Magħhom ingħaqdu l-uffiċjali l-oħra li kienu Għawdxin Mario Apap u Sammy Attard.

Semmejna lil dawn l-individwi kollha għax verament inħossu li ħaqqhom kull apprezzament fejn mhux biss għamlu isem għal Għawdex, iżda fuq kollox għall-MFA li fdatilhom din l-organizzazzjoni.

Kienet ukoll okkażjoni sabiħa u ta' appoġġ li qabel żewġ logħbiet li lagħab it-tim Għawdxi, il-Ministri Giovanna Debono u Chris Said, niżlu personalment jawguraw lill-plejers kollha kull suċċess lit-tim.

**Ir-riżultati kollha kienu dawn:**

*Gozo* ........................................ *3*
*Rinuzi/Stong* ........................ *2*
*Skorers*: Vitalijs Puzirevskis 39, Romans Simanovskis 88' (R); Michael Bezzina 49, Kenneth Mercieca 54 (G), Anthony Portelli 78 pen (G)

*FC Olimp Moscow* ............... *4*
*ARF Ialoveni* ........................ *0*
*Skorers:* Sergei Orlov 5 pen, 37, Roman Asadov 76, 84 (OM)

*Gozo* ........................................ *0*
*FC Olimp Moscow* ............... *6*
*Skorers:* Sergey Orlov 27, 40 pen, 56 pen, Roman Aasadov 34, 86, Ilia Korobetc 83 (OM)

*ARF Ialoveni* ........................ *2*
*Rinuzi/Stong* ........................ *2*
*Skorers*: Romans Simanovskis 3, Dimitrius Zabarovskis 31 pen.(R); Igor Rata 47, 53 (I)

*ARF Ialoveni* ........................ *2*
*Gozo* ........................................ *2*
*Skorers*: Andrian Spinu 24, Vitalie Tonu 74 (I); Darco Stojanovic 59 John Camilleri 62 (G)

*Rinuzi/Stong* ........................ *0*
*FC Olimp Moscow* ............... *4*
*Skorers*:Alexander Fuflygin 25, 31, 80, Maksim Lischchuk 51 (OM)







# Jingħata bidu għall-istaġun tal-basketball

**L-istaġun tal-Basketball kellu bidu prematur meta saret is-St.James Hospital Pre-Season Cup tan-Nisa, segwita minn dik tal-Irġiel ġimgħa wara. Magħhom intlagħbu wkoll iż-żewġ St. James Hospital Super Cups, Irġiel u Nisa.**

**St. James Hospital Pre-Season Cup – Nisa**

Din il-kompetizzjoni ħadet post il-Gozo Cup, li kellha titħassar wara l-maltempata li laqtet lill-Għejjer tagħna. Mhux biss, imma l-istess maltempata għamlet ħsara kbira lill-court fil-padiljun, f'Ta' Qali. Dan issa ġie maqlugħ u l-art ġiet elevata aktar qabel ma beda x-xogħol fuq court ġdid, tal-parquet, li kellu jieħu ftit taż-żmien biex il-ġimgħa d-dieħla se jerġa' jibda jsir il-logħob fil-padiljun.

Il-Pre-Season Cup intlagħbet fis-Sala tal-Isport tal Università, f'Tal Qroqq. Is-seba' timijiet ġew maqsuma f'żewġ gruppi u ltaqgħu kontra xulxin f'rawnd wieħed. Fil-logħob li sar:

**Grupp 1:**

**Luxol ................................35**
**Alyssa Ashley Loyola ....46**

**Honey Athleta.................48**
**Phoenix Petrus Qormi ...33**

**Honey Athleta.................44**
**Luxol ................................51**

**Alyssa Ashley Loyola ....47**
**Phoenix Petrus Qormi ...21**

**Phoenix Petrus Qormi ..13**
**Luxol ..............................58**

**Honey Athleta ................38**
**Alyssa Ashley Loyola ....49**

**Klassifika**

| | L | R | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Aly. Ash. Loyola | 3 | 3 | 0 | 142 | 94 | 6 |
| Luxol | 3 | 2 | 1 | 144 | 103 | 5 |
| Honey Athleta | 3 | 1 | 2 | 130 | 133 | 4 |
| Pho. Pet. Qormi | 3 | 0 | 3 | 67 | 153 | 3 |

**Grupp 2:**

**McDonalds Depiro ........50**
**Hibernians.......................44**

Starlites Sports Experience ...22
**McDonalds Depiro ........24**

**Hibernians.......................43**
Starlites Sports Experinece ..35

**Klassifika**

| | L | R | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|
| McDonalds Dep. | 2 | 2 | 0 | 74 | 66 | 4 |
| Hibernians | 2 | 1 | 1 | 87 | 85 | 3 |
| Star. Spts. Exp. | 2 | 0 | 2 | 57 | 67 | 2 |

**Il-ħames post**

*Honey Athleta ................44*
*Starlites Sports Experience ..28*

**Semi Finali**

*Alyssa Ashley Loyola ....72*
*Hibernians.......................51*

*McDonalds Depiro.........39*
*Luxol ..............................40*

**It-tielet post**

*Hibernians .......................36*
*McDonalds Depiro......... 47*

**Finali**

*Alyssa Ashley Loyola ....62*
*Luxol ..............................77*
(20-21)(20-13)(12-17)(10-26)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, A. Carbonaro

Fil-Pre-season tal-Irgiel kien hemm sitt timijiet li wkoll inqasmu f'żewg gruppi u baqgħet l-istess proċedura li saret fil-logħob tan-Nisa.

**St. James Hospital Pre-Season Cup – Irgiel**

**Grupp 1:**

*AtoZ Electronics Athleta..51*
*Pavi Depiro .....................45*

*Pavi Depiro .....................74*
*Bupa Luxol......................70*

*Bupa Luxol......................40*
*AtoZ Electronics Athleta..58*

**Klassifika**

| | L | R | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|
| AtoZ Ele. Ath. | 2 | 2 | 0 | 109 | 85 | 4 |
| Pavi Depiro | 2 | 1 | 1 | 119 | 121 | 3 |
| Bupa Luxol | 2 | 0 | 2 | 110 | 132 | 2 |

**Grupp 2:**

*Floriana Francesco Fenech..46*
*Siggiewi ...........................58*

*Siggiewi ...........................46*
*Tata Motors Loyola .......29*

*Tata Motors Loyola .......26*
*Floriana Francesco Fenech...58*

**Klassifika**

| | L | R | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Siggiewi | 2 | 2 | 0 | 104 | 75 | 4 |
| Flor. Fran. Fenech | 2 | 1 | 1 | 104 | 84 | 3 |
| Tata Motors Loyola | 2 | 0 | 2 | 55 | 104 | 2 |

**Il-ħames post**
*Bupa Luxol*......................58
*Tata Motors Loyola*.......45

**Semi Finali**
*AtoZ Electronics Athleta*63
*Floriana Francesco Fenech*..54

*Siggiewi*..........................55
*Pavi Depiro*......................48

**It-tielet post**
*Floriana Francesco Fenech*..59
*Pavi Depiro* ....................67

**Finali**
*AtoZ Electronics Athleta*.44
*Siggiewi*..........................59
(10-13)(12-18)(16-11)(6-17)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, A. Carbonaro

**St. James Hospital Super Cup**

Fis-sezzjoni tal-Irġiel AtoZ Electronics Athleta rebħu dan l-unur għat-tielet sena konsekuttiva u d-disa' darba fl-istorja tagħhom meta għelbu lil Bupa Luxol. Fil-kategorija tan-Nisa kienu Luxol li żammew l-unur li kienu rebħu l-istaġun ta'qabel, kif ukoll għar-raba' darba, waqt li Hibernians, il-finalisti telliefa, issa ilhom sitt staġuni ma jirbħu dan l-unur.

**St. James Hospital Super Cup Irġiel**
*AtoZ Electronics Athleta*....67
*Bupa Luxol*......................56
(17-17)(13-15)(14-16)(23-8)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, A. Carbonaro

**St. James Hospital Super Cup – Nisa**
*Luxol*..............................57
*Hibernians*.......................56
(20-9)(9-15)(16-17)(12-15)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro, S. Gouder

**St. James Hospital Shield**

L-istaġun proprju beda bil-logħob tas-St. James Hospital Shield, fit-tliet kategoriji, li kienu kollha maqsuma f'żewġ gruppi.

**Irġiel I Div.**
**Grupp 1**
*AtoZ Electronics Athleta* .69
*Pavi Depiro*......................62
(27-13, 19-15, 2-17, 21-17)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro, C. Terribile

*Pavi Depiro*......................68
*Bupa Luxol*......................57
(14-18, 17-9, 16-13, 21-17)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, S. Gouder

**Grupp 2**
*Floriana Francesco Fenech*.67
*Siggiewi*..........................80
(23-16, 14-27, 13-22, 17-15)
Referis: B. Vassallo, G. Barbara, A. Carbonaro

*Siggiewi*..........................65
*Tata Motors Loyola*.......38
(17-2, 20-15, 16-10, 12-11)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro, S. Gouder

**Irġiel II Div.**
**Grupp 1**
*Miscela D'Oro Mtarfa* ...37
*Starlites*..........................66
(14-14, 8-14, 5-19, 10-19)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro

*Siggiewi*..........................56
*Phoenix Żmerċ Qorm*......47
(14-6, 9-13, 17-8, 16-20)
Referis: G. Barbara, L. Camilleri

*Starlites*..........................43
*Siggiewi*..........................50
**(9-18, 13-9, 9-9, 12-14)**
**Referis: C. Terribile, L. Camilleri**

*Phoenix Żmerċ Qormi* ...55
*Miscela D'Oro Mtarfa*....45
**(12-10, 8-13, 15-10, 20-12)**
**Referis: G. Barbara, E. Mangani**

**Grupp 2**
*Mellieha Tritones* ..........69
*Floriana FF* ....................60
**(wara l-ħin barrani)**
**(10-8, 16-17, 18-22, 14-11)-(11-2)**
**Referis: E. Mangani, A. Carbonaro**

*Floriana FF*......................40
*SN Suns* ..........................73
**(11-11, 13-14, 6-32, 10-16)**
**Referis: A. Carbonaro, C. Terribile**

**St. James Hospital MBA Shield - Nisa**

**Grupp 1**
*Luxol*..............................37
*Alyssa Ashley Loyola* ....43
**(10-11, 10-5, 11-12, 6-15)**
**Referis: A. Carbonaro C. Terribile**

*Honey Athleta* ............... 72
*Phoenix Petrus Qormi*....38
**(19-8, 20-9, 20-9, 13-12)**
**Referis: E. Mangani, L. Camilleri**

*Phoenix Petrus Qormi*....45
*Alyssa Ashley Loyola* ....65
**(9-14, 12-19, 9-14, 15-18)**
**Referis: G. Barbara, A Carbonaro**

*Honey Athleta* ............... 35
*Luxol* .............................. 50
**(9-8, 10-13, 4-14, 12-15)**
**Referis: A. Carbonaro, L. Camilleri**

**Grupp 2**
*McDonalds Depiro* ........47
*Hibernians* ..................... 41
**(14-6, 5-15, 18-4, 10-16)**
**Referis: E. Mangani, L. Camilleri**

*Starlites Sports Experience*..23
*McDonalds Depiro*.........84
(7-22, 9-26, 2-19, 5-17)
Referees: E. Mangani, J. Mangani



minn Vincent Pisani



# Ċiniż ta' 14-il sena jirbaħ il-Kampjonat tad-Dinja

## Għal darb'oħra Malta ma tkunx irrappreżentata

Lu Haotian, il-plejer żagħżugħ Ċiniż, li għandu biss 14-il sena rebaħ il-Kampjonat Mondjali tal-isnooker ta' Taħt il-21 sena.

Fil-passat, plejers professjonali bħal Ronnie O'Sullivan, Ken Docherty, Ding Junhui, Neil Robertson, Mark Allen u Luca Brecel rebħu dan il-Kampjonat. Ronnie O'Sullivan u Ding Junhui kien għad kellhom biss 15-il sena.

F'dawn l-aħħar sentejn ma ħa sehem l-ebda plejer Malti li verament hija ħasra għax b'hekk iż-żgħażagħ tagħna qegħdin jaqgħu lura. L-aktar plejer Malti li rnexxa f'dawn il-Kampjonati kien Jason Peplow li rnexxielu jasal sal-finali, fl-1988, filwaqt li aktar ricenti, fl-2010, Thurston Grixti, fl-Irlanda, irnexxielu jirbaħ erba' logħbiet fil-grupp tiegħu u kkwalifika għall-Fażi Finali.




**Ir-riżultati huma:**

**L-Aħħar 32:**

Zhu Yingħui (Ċina) v Wan Sin Man (Hong Kong) 5-1; David Cassidy (Irlanda) v Mitchell Mann (Ingilterra) 5-1; Jurian Heusdens (Belġju) v Ross Muir (Skozja) 5-1; Ratchayothin Yotharuck (Tajlandja) v Andreas Ploner (Awstrija) 5-2; Huang Jiahao (Ċina) v Zhao Xintong (Ċina) 5-1; Adam Stefanov (Polonja) v Boonyarit Keattikun (Tajlandja) 5-2; Hammad Miah (Ingilterra) v Kishan Hirani (Wales) 5-4; Oliver Lines (Ingilterra) v Ryan Thomerson (Awstralja) 5-1; Zhou Yuelong (Ċina) v Hunain Hunain (Pakistan) 5-2; Alireza Khodaparast (Iran) v Kurt Broaw (Awstralja) 5-2; Noppon Saengkham (Tajlandja) v Muhammad Majid Ali (Pakistan) 5-1; Shackar Ruberg (Izrael) v Jamie Clarke (Wales) 5-1; Lu Haotian (Ċina) v Shaun Dalitz (Awstralja) 5-0; Ryan Cronin (Irlanda) v Akani Sungsermsawad (Tajlandja) 5-3; Laxman Rawat (Indja) v Wang Yuchen (Cina) 5-2; Lalrina Renthlei (Indja) v Lu Ning (Ċina) 5-3.

**L-Aħħar 16:**

Rentlei v Rawat 5-1; Lu v Cronin 5-1; Zhao v Stefanov 5-0; Zhou v Khodaparast 5-0; Miah v Lines 5-4; Saengħam v Ruberg 5-4; Yotharuck v Heusdens 5-2 u Zhu v Cassidy 5-2.

**Kwarti-Finali**

Miah v Zhao 6-3; Zhu v Yotharuck 6-0; Lu v Renthlei 6-3; Zhou v Saengħam 6-3

**Semi-Finali**

Zhu v Miah 7-3; Lu v Zhou 7-3

**Finali**

Lu v Zhu 9-6

## Malta Billiard & Snooker Association

# Mario Brincat jirbaħ l-aħħar ranking tournament tal-2011/12

F'dan l-aħħar ranking tournament tal-istaġun, 2011/12, li ttardja b'madwar erba' xhur, Mario Brincat deher fi klassi għalih. Wara li elimina lil Ivan Attard 4-0 fil kwarti finali, huwa reġa' għamel logħba kbira oħra meta reġa' ta *white wash* oħra, din id-darba kontra l-plejer veteran Arthur Cachia bi frame score ta' 5-0 biex fil-final għeleb lil plejer Duncan Bezzina 6-3

*Ir-rizultati kollha mill-Kwarti-Finali kienu dawn:*

**Kwarti Finali**

Arthur Cachia v Simon Zammit 4-1
Mario Brincat v Ivan Attard 4-0
Alex Borg v Ivan Rizzo 4-3
Duncan Bezzina v Richard Lewis 4-0

**Semi-Finali**

Mario Brincat v Arthur Cachia 5-0
Duncan Bezzina v Alex Borg 5-2

**Final**

Mario Brincat v Duncan Bezzina 6-3



*Mario Brincat*

## Malta Eight Ball Federation

# Riżultat tal-finali tal-Ewwel Ranking Tournament

**Open**
**Finali:** Kevin Schembri v Mario Scicluna 9-7

**Under 23**
**Finali:** Nicky Spiteri v Owen Amato 9-8

**Under 18**
**Finali:** Leon Caruana v Miguel Amato 7-6

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 30 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt

# Sebastian Vettel waħdu f'ras il-klassifika




## Riżultati tal-GP tal-Ġappun
### 07.10.2012 - Suzuka

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Sebastian Vettel (Ġermanja) RedBull | 1:28:56.242 |
| 2. | Felipe Massa (Brażil) Ferrari | +00:20.639 |
| 3. | Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 00:24.538 |
| 4. | Jenson Button (Britannja) McLaren | 00:25.098 |
| 5. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 00:46.490 |
| 6. | Kimi Raikkonen (Finlandja) Lotus | 00:50.424 |
| 7. | Nico Huelkenberg (Ġermanja) Force India | 00:51.159 |
| 8. | Pastor Maldonado (Venezwela) Williams | 00:52.364 |
| 9. | Mark Webber (Awstralja) RedBull | 00:54.675 |
| 10. | Daniel Ricciardo (Awstralja) Toro Rosso | 01:06.919 |
| **Irtiraw** | | |
| | Romain Grosjean (France) Lotus | 2 laps |
| | Charles Pic (France) Marussia | 16 laps |
| | Narain Karthikeyan (India) HRT | 21 laps |
| | Sergio Perez (Mexico) Sauber | 35 laps |
| | Fernando Alonso (Spain) Ferrari | 53 laps |
| | Nico Rosberg (Germany) Mercedes | 53 laps |

## Riżultati tal-GP tal-Korea
### 14.10.2012 - Yeongam

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Sebastian Vettel (Ġermanja) RedBull | 1:36:28.651 |
| 2. | Mark Webber (Awstralja) RedBull | +00:08.231 |
| 3. | Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 00:13.944 |
| 4. | Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 00:20.168 |
| 5. | Kimi Raikkonen (Finlandja) Lotus | 00:36.739 |
| 6. | Nico Huelkenberg (Ġermanja) Force India | 00:45.301 |
| 7. | Romain Grosjean (Franza) Lotus | 00:54.812 |
| 8. | Jean-Eric Vergne (Franza) Toro Rosso | 01:09.589 |
| 9. | Daniel Ricciardo (Awstralja) Toro Rosso | 01:11.787 |
| 10. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 01:19.692 |
| **Iritraw** | | |
| | Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 39 laps |
| | Pedro de la Rosa (Spanja) HRT | 39 laps |
| | Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 54 laps |
| | Jenson Button (Britannja) McLaren | 55 laps |




## Klassifika

### Sewwieqa

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Sebastian Vettel (Ġermanja) Red Bull | 215 |
| 2. | Fernando Alonso (Spanja) Ferrari | 209 |
| 3. | Kimi Raikkonen (Finlandja) Lotus | 167 |
| 4. | Lewis Hamilton (Britannja) McLaren | 153 |
| 5. | Mark Webber (Awstralja) Red Bull | 152 |
| 6. | Jenson Button (Britannja) McLaren | 131 |
| 7. | Nico Rosberg (Ġermanja) Mercedes | 93 |
| 8. | Romain Grosjean (Franza) Lotus | 88 |
| 9. | Felipe Massa (Brażil) Ferrari | 81 |
| 10. | Sergio Perez (Messiku) Sauber | 66 |
| 11. | Kamui Kobayashi (Ġappun) Sauber | 50 |
| 12. | Nico Huelkenberg (Ġermanja) Force India | 45 |
| 13. | Paul Di Resta (Britannja) Force India | 44 |
| 14. | Michael Schumacher (Ġermanja) Mercedes | 43 |
| 15. | Pastor Maldonado (Venezwela) Williams | 33 |
| 16. | Bruno Senna (Brażil) Williams | 25 |




### Kostrutturi

| | | |
|---|---|---|
| 1. | RedBull | 367 |
| 2. | Ferrari | 290 |
| 3. | McLaren - Mercedes | 284 |
| 4. | Lotus - Renault | 255 |
| 5. | Mercedes | 136 |
| 6. | Sauber - Ferrari | 116 |
| 7. | Force India | 89 |



# Hat-trick ta' rebħiet għal Dani Pedrosa



## Riżultati tal-GP ta' Spanja
### 30.09.2012 - Aragon

| | |
|---|---|
| 1. Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 42:10.444 |
| 2. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 42:16.916 |
| 3. Andrea Dovizioso (Italja) Yamaha | 42:21.491 |
| 4. Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 42:21.628 |
| 5. Ben Spies (Stati Uniti) Yamaha | 42:24.230 |
| 6. Alvaro Bautista (Spanja) Honda | 42:38.610 |
| 7. Jonathan Rea (Britannja) Honda | 42:42.734 |
| 8. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 42:54.876 |
| 9. Karel Abraham (Rep. Ċeka) Ducati | 43:07.861 |
| 10. Aleix Espargaro (Spanja) Aprilia | 43:08.969 |
| 11. Randy de Puniet (Franza) Aprilia | 43:10.307 |
| 12. Hector Barbera (Spanja) Ducati | 43:25.005 |
| 13. Yonny Hernandez (Kolumbja) Kawasaki | 43:26.603 |
| 14. James Ellison (Britannja) Aprilia | 43:27.024 |
| 15. Michele Pirro (Italja) Honda | 43:36.259 |

## Riżultati tal-GP tal-Ġappun
### 14.10.2012 - Suzuka

| | |
|---|---|
| 1. Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 42:31.569 |
| 2. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 42:35.844 |
| 3. Alvaro Bautista (Spanja) Honda | 42:38.321 |
| 4. Andrea Dovizioso (Italja) Yamaha | 42:47.966 |
| 5. Casey Stoner (Awstralja) Honda | 42:52.135 |
| 6. Stefan Bradl (Ġermanja) Honda | 42:56.136 |
| 7. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 42:57.641 |
| 8. Nicky Hayden (U.S.) Ducati | 43:08.293 |
| 9. Katsuyuki Nakasuga (Ġappun) Yamaha | 43:08.363 |
| 10. Hector Barbera (Spanja) Ducati | 43:42.298 |
| 11. Karel Abraham (Rep. Ċeka) Ducati | 43:47.227 |
| 12. Aleix Espargaro (Spanja) Aprilia | 43:54.338 |
| 13. Colin Edwards (U.S.) Suter | 43:56.537 |
| 14. James Ellison (Britannja) Aprilia | 44:00.957 |
| 15. Michele Pirro (Italja) Honda | 44:06.181 |




## Riżultati tal-GP tal-Malasja
### 21.10.2012 - Sepang

| | |
|---|---|
| 1. Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 42:31.569 |
| 2. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 42:35.844 |
| 3. Alvaro Bautista (Spanja) Honda | 42:38.321 |
| 4. Andrea Dovizioso (Italja) Yamaha | 42:47.966 |
| 5. Casey Stoner (Awstralja) Honda | 42:52.135 |
| 6. Stefan Bradl (Ġermanja) Honda | 42:56.136 |
| 7. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 42:57.641 |
| 8. Nicky Hayden (U.S.) Ducati | 43:08.293 |
| 9. Katsuyuki Nakasuga (Ġappun) Yamaha | 43:08.363 |
| 10. Hector Barbera (Spanja) Ducati | 43:42.298 |
| 11. Karel Abraham (Rep. Ċeka) Ducati | 43:47.227 |
| 12. Aleix Espargaro (Spanja) Aprilia | 43:54.338 |
| 13. Colin Edwards (U.S.) Suter | 43:56.537 |
| 14. James Ellison (Britannja) Aprilia | 44:00.957 |
| 15. Michele Pirro (Italja) Honda | 44:06.181 |

## Klassifika
**Sewwieqa**

| | |
|---|---|
| 1. Jorge Lorenzo (Spanja) Yamaha | 270 |
| 2. Dani Pedrosa (Spanja) Honda | 232 |
| 3. Casey Stoner (Awstralja) Honda | 186 |
| 4. Andrea Dovizioso (Italja) Yamaha | 163 |
| 5. Cal Crutchlow (Britannja) Yamaha | 122 |
| 6. Valentino Rossi (Italja) Ducati | 120 |
| 7. Alvaro Bautista (Spanja) Honda | 118 |
| 8. Stefan Bradl (Ġermanja) Honda | 115 |
| 9. Nicky Haydon (Stati Uniti) Ducati | 93 |
| 10. Ben Spies (Stati Uniti) Yamaha | 77 |
| 11. Hector Barbera (Spanja) Ducati | 60 |
| 12. Randy de Puniet (Franza) Aprilia | 48 |
| 13. Aleix Espargaro (Spanja) Aprilia | 45 |
| 14. Karel Abraham (Rep. Ċeka) Ducati | 25 |
| 15. Yonny Hernandez (Kolumbja) Kawasaki | 25 |

## Paġni mill-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja

# It-Tiġrija tal-Vitorja (1990-1999) ... Id-Disa' Parti



*Il-qaddiefa u l-partitarji ta' Bormla jiċċelebraw ir-rebħ tax-Shield, fl-1994*

F'silta oħra minn artiklu ieħor, il-kittieb minbarra li jilmenta dwar is-sitwazzjoni ta' dewmien esaġerat bejn korsa u oħra u jsostni li dan id-dewmien qed idejjaq lil kulħadd l-aktar lill-ispettaturi li jkollhom jgħaddu ħafna ħin fix-xemx, ikkritika bl-aħrax lill-organizzazzjoni tar-Regatta '... *ir-Regatta ta' din is-sena ħadet 'il fuq minn ħames sigħat... is-sinjal tat-tluq għall-ewwel tiġrija ingħata wara dewmien ta' 55 minuta dovut għall-fatt li kien hemm oġġezzjoni qabel it-tluq dwar id-distanza bejn opra u oħra...*'

Sfortunatament, l-edizzjoni tal-1996 kienet waħda diżappuntanti fejn tidħol l-attendenza ta' nies waqt ir-Regatta Nazzjonali. Litteralment, il-mollijiet tal-Belt Valletta u l-inħawi kollha ta' madwar il-kanal kienu nieqsa min-nies kif fil-fatt tikkonferma din is-silta meħuda minn artiklu sportiv ippubblikat l-għada tal-Vitorja: '... *id-dehra sabiħa li ssaħħar u li s-soltu tiddomina fil-Port il-Kbir f'Jum il-Vitorja, il-jum tar-Regatta Nazzjonali, il-bieraħ kienet tikkaratterizza t-temp nieqes għal ħafna ħin mix-xemx. Temp li kien jirrifletti sewwa n-nuqqas ta' entużjażmu li sena wara l-oħra qed dejjem inin lejn dawn it-tiġrijiet tradizzjonali. L-attendenza b'inġenji tal-baħar madwar il-kanal kienet pjuttost skarsa. Kien fl-inħawi tal-Ponta tal-Isla li mħarsa minn bandiera 'ġganteska' imdendla mas-swar ta' taħt il-Gardjola kienet qed twassal messaġġ li l-Isla kienet il-belt qatt mirbuħa li dehret massa mdaqqsa ta' nies. Mill-bqija ma kienx hemm wisq entużjażmu, ħlief forsi mis-Sengleani li dehru ħerqana li x-Shield ma tfallilhomx fis-sena tal-festi l-kbar tal-75 sena mill-inkurunazzjoni tal-istatwa tal-Bambina...*'

Waqt li ħafna dilettanti bdew ibassru li d-distrett tal-Isla kien armat sa snienu f'kull korsa, diversi kittieba sportivi, fl-artikli tagħhom, ippubblikati f'Jum il-Vitorja, bdew ibassru tiġrija eċċitanti u akkanita ħafna: '... *l-Isla bħala rebbieħa tas-sena l-oħra huma magħduda li jibdew bħala favoriti, b'danakollu, jekk wieħed osserva tajjeb l-aħħar provi fil-kanal u jnebbi l-partiġġjaniżmu qawwi li jaħkem lid-dilettanti tad-distretti li jkunu armati tajjeb u jistgħu jisfidaw lill-Isla għar-rebħ tax-Shield, wieħed mill-ewwel jikkunsidra kemm lil Bormla kif ukoll lill-Marsa bħala l-aktar sfidanti qawwija għas-Sengleani ...*'

Kif kien mistenni, l-Isla rebħet ir-Regatta kif tgħidilna din is-silta sportiva: '... *l-Isla temmet il-festi li bihom iċċelebrat il-75 sena mill-inkurunazzjoni tal-istatwa ta' Marija Bambina b'festeġġjament doppju billi għat-tieni sena konsekuttiva l-qaddiefa tagħha rebħu l-Aggregate Shield fir-Regatta Nazzjonali ta' Jum il-Vitorja...*'

Lura' għas-sena 1991, meta kull distrett beda jipparteċipa b'opra waħda f'kull tiġrija, l-Assoċjazzjoni tar-Regatta kienet iddeċidiet li gradwalment, minn dik l-edizzjoni tibda tintroduċi tiġrijiet oħra għall-qaddiefa żgħażagħ li ma jgħoddux għar-rebħ tax-Shield. Għalkemm l-għan ta' dawn it-tiġrijiet kien li aktar żgħażagħ jitħeġġu jipparteċipaw fir-Regatta Nazzjonali, ir-rispons min naħa tal-klabbs tar-Regatta kien wieħed diżappuntanti bil-parteċipazzjoni ta' tliet distretti biss. Minkejja n-nuqqas ta' parteċipazzjoni, l-Assoċjazzjoni tar-Regatta reġgħet organizzathom mill-ġdid fl-edizzjoni tal-1992 u l-parteċipazzjoni kienet aħjar.

Fiż-żewġ edizzjonijiet 1993/94, mal-koros tad-dgħajjes tal-Midalji u ta' bl-Erbgħa żiedet ukoll il-korsa tal-Kajjikki għall-qaddiefa ta' Taħt-il 25 sena, daħlet sistema ta' punti u d-distrett rebbieħ beda jingħata 'Challenge Cup'. Fl-edizzjonijiet ta' wara, mill-1995 sal-1999, l-Assoċjazzjoni introduċiet tiġrija oħra, dik tal-Frejgatini u b'hekk saru erba' tiġrijiet. Ironikament fl-edizzjonijiet, 1995-96, il-klabbs ġew iffaċċjati bil-problema li xi qaddiefa żgħażagħ kienu qabżu l-età u, minħabba hekk, l-Assoċjazzjoni tat permess biex il-klabbs milquta jagħmlu użu minn qaddief li jkun bejn il-21 u 25 sena, li iżda, dan ma jkunx qadef fit-tlielaq tal-kbar. Bejn l-1997 u l-1999, l-età tal-qaddiefa ġiet imtella' għal 23 sena u l-parteċipazzjoni tad-distretti kienet inkoraġġanti ħafna. Tajjeb li wieħed jinnota li matul il-perijodu, 1992-1999, d-distrett ta' Bormla ddomina din il-kategorija taż-żgħażagħ b'rebħ ta' għadd sabiħ ta' paljijiet u b'erba' rebħiet konsekuttivi taċ-Challenge Cup, li xi wħud b'mod żbaljat kienu jsejħulha Aggregate Cup jew Aggregate Shield. Fil-fatt, l-Aggregate Shield ġiet introdotta mat-taqliba tas-seklu, meta fil-kategorija taż-Żgħar kienet żdiedet ukoll it-tiġrija tad-dgħajjes ta' bi Tnejn, tneħħiet l-età tal-qaddiefa u kienu tiġrijiet li sa sena qabel kienu magħrufin bħala taż-Żgħażagħ u li bdew jissejħu tar-Reserves.

Tliet siltiet meħudin mill-artikli sportivi jikkonfermaw it-taqlib li kien sar fit-tlielaq taż-Żgħażagħ fis-snin 90: l-ewwel silta tkellimna dwar l-introduzzjoni ta' tiġrija għall-qaddiefa żgħażagħ fir-Regatta ta' l-1990 '... *din l-edizzjoni*

## minn Joseph Serracino





*Taqtiegħa ħarxa fl-aħħar fażi tat-tiġrija tal-Frejgatini bejn l-Isla u l-Marsa, fl-1998*

*bdiet b'tiġrija tad-dgħajjes tal-Pass b'erbat Imqadef għall-qaddiefa ta' Taħt-il 21 sena li ma kinitx tgħodd għall-punti tal-Aggregate Shield. Din it-tiġrija li kienet sponsorjata fl-okkażjoni tal-għeluq il-150 sena mill-ordinanza tad-dwana, intrebħet mid-distrett tal-Isla f'ħin ta' 5 minuti u 34 sekonda bil-qaddiefa George Attard, Anthony, Attard, Eddie Wilson u Joseph Mercieca. It-tieni daħlu Bormla, it-tielet il-Marsa, ir-raba' Marsamxett/Valletta filwaqt li l-Kalkara ma komplewx it-tiġrija...'*

It-tieni silta tkellimna dwar l-edizzjoni 1993: '*... f'din is-sena saru tliet tiġrijiet li fihom ħadu sehem qaddiefa taħt-il 21 sena u 25 sena. Dawn it-tiġrijiet, li bħala premju ngħatat tazza (Challenge Cup), kienu mqassmin fi tliet kategoriji, dgħajjes tal-Midalji, Kajjikki u dgħajjes tal-Pass b'Erba' Mqadef. Ironikament, kellna tliet rebbieħa (Kalkara - l-Isla - Bormla) li ġabu l-istess għadd ta' punti, waqt li l-Birgu, Marsamett/Valletta u l-Marsa spiċċaw warajhom rispettivament. ...*'

It-tielet silta tkellimna dwar l-edizzjoni 1966 u l-età tal-qaddiefa: '*...ir-Regatta se ssir fuq l-istess regolamenti tas-sena li għaddiet fejn l-unika novità li hemm din is-sena hija fit-tlielaq ta' bl-Erbgħa taż-Żgħar li ma jgħoddux għall-Aggregate. Id-distretti jistgħu jagħmlu użu minn qaddief li jkun bejn il-21 sena u 25 sena basta dan ma jkunx qadef fit tlielaq tal kbar...*'

Interessanti huwa l-fatt li fl-edizzjoni tal-1999, it-tmexxija tar-Regatta Nazzjonali ħarġet bl-idea li torganizza tiġrija tad-dgħajjes tal-Pass b'Erbat Imqadef għall-qaddiefa veterani 'l fuq minn 45 sena, u li kienu waqqfu mill-qdif qabel l-1966. Din it-tiġrija ntrebħet minn Bormla f'ħin ta' 5 minuti u 45 sekonda bid-dgħajjes tal-Marsa u l-Birgu jidħlu fit-tieni u fit-tielet post rispettivament.

Ta' min ifakkar ukoll li, fl-1999, bdew isiru t-tiġrijiet ta' Taħt it-18-il sena f'diversi lokalitajiet fil-viċinanza tal-klabbs rispettivi. Kien hemm żmien meta d-distretti kollha ipparteċipaw b'mod sħiħ u kien hemm edizzjonijiet fejn minħabba nuqqas ta' qaddiefa xi wħud minnhom ma ħadux sehem. Insibu wkoll li kien hemm snin fejn dawn it-tiġrijiet ma sarux minħabba nuqqas ta' parteċipazzjoni jew diżgwid u nuqqas ta' qbil fost id-distretti. Kellna edizzjonijiet fejn fihom inqala' l-ġlied wara xi opri ġew skwalifikati mill-ġurija.

Aktar tard, minħabba diversi raġunijiet, l-Assoċjazzjoni tar-Regatta ddeċidiet li dawn it-tiġrijiet ma jibqgħux isiru qrib il-klabbs rispettivi iżda fil-Bajja tal-Irnella. Minkejja li f'xi edizzjonijiet il-parteċipazzjoni tad-distretti kienet waħda fqira, dawn it-tiġrijiet jiġbdu ħafna dilettanti. Waqt li għal xi snin dawn it-tiġrijiet kienu jsiru f'Lulju u f'Awwissu, fil-preżent isiru biss fix-xahar ta' Awwissu.

S'intendi, fejn jidħlu dawn it-tiġrijiet, jien ukoll għandi t-tifkiriet tiegħi tas-snin 90. Matul din l-epoka, waqt li jien bqajt għaddej bir-riċerka tiegħi dwar din it-tradizzjoni antika, komplejt bil-ħidma tiegħi biex din id-drawwa tibqa' ħajja fost il-poplu tagħna. Dan m'għamiltux biss permezz tal kitba fil gazzetti u perjodiċi bl-intervisti fuq ir-radji u t-televiżjoni, iżda wkoll billi ħadt sehem f'konferenzi u f'oqsma oħra relatati mat-tiġrijiet tad-dgħajjes.

Barra hekk, għal diversi snin kelli l-opportunità li niltaqa' mal-media lokali u barranija fuq waħda miż-żewġ laneċ akkreditati għall-istampa, fejn waqt li jien kont nassisti lil xi wħud mill-korrispondenti sportivi b'kull tagħrif possibbli dwar punti bażiċi tar-regolamenti tar-Regatta, lill-membri tal-media barranija kont ngħaddilhom tagħrif storiku dwar din it-tradizzjoni antika – tagħrif li xi partijiet minnu ġie ppubblikat fil-gazzetti rispettivi tagħhom f'pajjiżhom, u nimmaġina wkoll li xi siltiet oħra ġew inklużi f'dokumentarji dwar l-istorja u l-folklor ta' pajjiżna. Kien żmien ukoll, fejn xi wħud mill-edituri sportivi tawni spazji biżżejjed fil-gazzetti tagħhom biex nikteb sensiliet dwar l-Istorja tat-Tiġrija tal-Vitorja, waqt li edituri sportivi oħra, fosthom dak ta' *The Times of Malta* ġie li ċċempluli wara li tispiċċa r-Regatta (1997/1998) u talbuni nikkummenta dwar l-istorja u l-andament ta' dawn it-tiġrijiet tradizzjoni.

F'Awwissu, 1990, kien kellimni s-Sur Albert Callus, membru tal-kummissjoni Regatta fi ħdan il-Kumitat Festi Nazzjonali tat-8 ta' Settembru u qalli li fir-Regatta ta' Piediluco kien iltaqa' ma' Christopher Dodd (korrispondent sportiv tal-gazzetta Guardian li jispeċjalizza l-aktar dwar l-avvenimenti internazzjonali tal-qdif, kif ukoll huwa l-editur tal-Britain Regatta Magazine u membru attiv tal-FISA ) u talbu xi informazzjoni dwar it-tradizzjoni tal-qdif f'Malta biex jinkludiha fil-ktieb li kien se jippubblika dwar l-istess suġġett fl-1992. Qalli li Christopher kellu jiktibli, kif fil-fatt kien għamel, u jien minnufih għaddejtlu tagħrif storiku dwar it-tiġrijiet tal-Portu Salvu (1620/25), tar-Rużarju (1642) u tal-Vitorja (1822) kif ukoll dwar l-opri tat-tiġrija Maltin, l-organizzazzjoni tar-Regatta u t-teknika tal-qdif.

Ovvjament, siltiet storiċi dwar it-tiġrijiet tad dgħajjes Maltin ġew inklużi fil ktieb tal-Fisec *The Story of World Rowing* waqt li s-siltiet oħra konnessi mal-organizzazzjoni tar-Regatta, l-opri Maltin u t-teknika tal-qdif ġew ippubblikati f'perjodiċi oħra relatati ma' dan l-isport li kif nafu hu pprattikat f'diversi pajjiżi madwar id-dinja.

*ikompli f'ħarġa oħra*

ISLA | MARSA | MARSAMXETT | BORMLA | BIRGU | KALKARA | BIRŻEBUĠĠA

# Kampjonat 1956-57

# Jinqala' inċident bejn il-gowlkiper ta' Valletta u l-partitarji ta' Sliema W.




Ġuzi Bonnici - Lolly Rizzo - Ray Edwards - Lolly Cuschieri (Sliema Wanderers)

## Is-Sitt Ġurnata

**15-12-1956:**
**Floriana FC – Marsa FC 4-0**
**H.T 1-0**
**Ref: E. Galea**
**Skurjaw: L. Borg (F) 4', T. Cauchi (F) 49', L. Borg (F) 70' u T. Cauchi (F) 80'** **Att: 1,999**

*Floriana FC*: Ġużi Alamango, Lolly Debattista, Roy Swift, Joe Cini, John Delia, Ġużi Bennetti, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Marsa FC:* Salvu Alamango, Frans Hole, Ernie Glynn, Ġużi 'Ta' Pranza' Attard, Frans Borg, Leli Borg Bonaci, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Carmel 'Is-Suldat' Spiteri, Fredu 'Steak' Abela, Edward Azzopardi, Żużu 'Qomos' Sciberras.

1. Il-gowlkiper Salvu Alamango ta' Marsa kien ħu Żarenu Alamango ta' Floriana filwaqt li l-gowlkiper Furjaniż Ġużi Alamango kien kuġin tagħhom.

2. Ġużi Alamango kien qed jirritorna bejn il-lasti ta' Floriana wara li rranġa d-differenzi li kellu mal-klabb. Huwa kien ilu nieqes mit-telfa ta' 1-0 fil-Final tal-FA Trophy, tal-10 ta' Ġunju, 1956.

**16-12-1956:**
**Ħamrun Sp. FC – Hibernians FC 1-0**
**H.T 1-0**
**Ref: Salvu Pirotta**
**Skorja: Ġ. Psaila (Ħam) 19'.**
**Att: 3,232**

*Ħamrun Sp. FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Freddie Falzon, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, Effie Borg, Carmelo 'In-Nene' Grech, Armando Drago, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, George Jones, Ġużi 'Iz-Zizell' Psaila, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Franġisku Formosa.

*Hibernians FC*: Edwin Gili, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Maurice Vella Borg, Louis Theobald, Sunny Anastasi, Leli Spiteri, Leli Sultana, Fredu Church, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Hibernians kellhom nieqes lil Charles Schembri li kien sospiż logħba wara li nstab ħati li xejjer bis-sieq lill-plejer avversarju fl-aħħar ħarġa kontra Floriana.

2. Il-plejer ta' Ħamrun Spartans, Effie Borg, weġġa' ftit qabel tmiem l-ewwel taqsima u rritorna fit-tieni taqsima wara li kienu sarulu xi punti f'rasu.

**05-01-1957:**
**Birkirkara FC – Rabat FC 0-0**
**Ref: Turu Lentini**
**Att: 936**

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, Johnnie Gatt, George Dalli, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Norman Bell, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Stephen Samut Tagliaferro, Falzon, Pawlu 'Polly' Carbonaro.

*Rabat FC*: Anthony Micallef, John Calleja, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Karmenu Xerri, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Theuma, Ernest Chappelle.

1. Rabat kellhom nieqes lil Pawlu Vassallo minħabba li kien ġie sospiż logħba wara li kien instab ħati li nsulta lir-referi George Bonello fl-aħħar ħarġa kontra Ħamrun Spartans. Għalihom però irritorna Joe Aquilina 'Il-Wirxu' li kien ilu nieqes mill-aħħar partita tal-Kampjonat ta' qabel. Aquilina kien diġà lagħab xi partiti fil-kampjonat tar-Reseves.

2. Il-partita ntlagħbet fi grawnd mimli tajn u għaddajjar kbar fejn biż-żlieq il-kontroll tal-ballun kien diffiċli.

**06-01-1957:**
**Sliema Wdrs. FC – Valletta FC 2-0**
**H.T 0-0 Ref: R.S.M Carmel Galea (R.M.A)**
**Skurjaw: S. Schembri (S) 73' u T. Nicholl (S) 74'**
**Att: 11,257**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Robbie Buttigieg.

*Valletta FC:* Pawlu Montebello, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Karm Borg, Sunny Curmi, Josie Urpani, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

1. Għaxar minuti mit-tmiem inqala' inċident bejn il-gowlkiper Pawlu Montebello u l-partitarji tal-Wanderers. Montebello kien xejjer daqqa ta' sieq lil Robbie Buttigieg hekk kif kien sejjer

jiġbor il-ballun minn wara l-lasti bil-partitarji Slimiżi jirreaġixxu fejn insultawh u waddbulu xi soldi. Huwa rreaġixxa billi xxuttja l-ballun għal ġo fihom bis-Slimiżi jwaddbu xi fliexken. Sadanittant partitarji Beltin ukoll bdew iwaddbu l-ġebel lejn dawk ta' Sliema. L-inkwiet dam sejjer għal xi minuti. Fuq dan il-każ Montebello kien tressaq il-Qorti fejn kien ġie akkużat li tefa' ħwejjeġ iebsin (il-ballun) bi Ksur tal-Kodiċi Kriminali Kap 12, art. 252 u 353. Huwa kien instab ħati mill-Qorti u fis-7 ta' Frar, 1957, kien immultat £2. Montebello kien appella mis-sentenza fejn il-multa kienet ġiet imnaqqsa għal £1.

2. Joe Xuereb irritorna fit-tim tal-Wanderers wara li rkupra mill-operazzjoni tal-cartilage. Huwa kien diġà lagħab ma' Sliema Wanderers fid-draw ta' 1-1 kontra SK Wacker tal-Awstrija fit-Tourney tal-Milied.

3. Għat-tieni taqsima Valletta bidlu l-flokk fejn ħarġu jilagħbu bi flokkijiet ħomor b'faxxa bajda fin-nofs u qliezet ħomor.

*Klassifika*: Floriana FC 11-il pt.; Sliema Wdrs. FC 10 pti.;Valletta FC 7 pti.; Ħamrun Sp. FC 6 pti.; Rabat FC 4 pti.; Hibernians FC u Birkirkara FC 3 pti.; Marsa 2 pti.

(Sliema Wdrs. FC u Marsa FC lagħbu partita inqas).

*L-Aqwa Skorers:* T. Cauchi (Floriana FC) 7 gowls; N. Mackay (Valletta FC) 4 gowls; L. Borg (Floriana FC), G. Jones (Ħamrun Sp. FC) u S. Nicholl u T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 3 gowls.

# Aħbarijiet...

*Fis-7 ta' Diċembru, 1956, il-plejer Austin Pugliesevich ta' St. Patrick talab li jiġi skużat mill-MFA wara li kiser ir-regolamenti u lagħab ma' klabb tal-MAFA. L-MFA laqgħet it-talba tiegħu.*

*Fil-11 ta' Diċembru, 1956, l-aħwa Gejtu u Romeo Psaila kitbu lill-MFA sabiex tordna lill-klabb tagħhom Ħamrun Spartans jagħtihom ir-release minħabba li xtaqu jissieħbu ma' klabb ieħor. L-Ispartans kienu rrifjutaw li jagħtuhom ir-release minħabba li nfurmawhom li huma kien għad għandhom bżonn is-servizzi tagħhom. L-aħwa Psaila ma kienux qed jinżlu għat-taħriġ mal-klabb.*

*Il-plejer C. Xerri ffranka sospensjoni ta' sena wara li Marsa FC bi żball ma daħħlux ir-reġistrazzjoni tiegħu fil-ħin. Huwa kien ingħata ir-release mingħand St. George's fejn iffirma l-ewwel ma' Marsa FC u wara ma' Ħamrun Spartans. Fit-13 ta' Diċembru, 1956, il-Kunsill tal-MFA iddeċieda li Xerri seta' jilgħab mal-Ispartans wara li Marsa ma daħħlux ir-reġistrazzjoni tiegħu fi żmien sebat ijiem kif jitolbu r-regolamenti.*

*Fis-17 ta' Diċembru, 1956, fid-draw ta' 2-2 bejn Ħamrun Spartans u Hibernians f'partita mill-kampjonat tar-Reserves, Ħamrun Spartans kienu naqsu li jiskorjaw erba' minn ħames penalties. Fil-verità, Ħamrun kienu ngħataw tliet penalties matul il-partita iżda tnejn minnhom kellhom jerġgħu jingħataw minħabba irregolarità. L-uniku penalti skorjat fil-fatt kien wieħed mill-penalties irregolari li kellu jerġa' jingħata. Il-plejers li fallew il-penalties kienu Formosa, darbtejn Meli u Johnnie Fondacaro.*

*Fis-17 ta' Diċembru, 1956, f'partita mill-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni bejn Melita u Gżira United li spiċċat fi draw ta' 1-1, Gżira ġabu d-draw minn penalti kontoversjali meta wara li kienu fallew il-penalti, ir-referee Albert Strong ordna biex jerġa jingħata wara li plejer ta' Gżira United stess kien daħal fil-penalty area qabel ingħata l-penalty. Melita daħħlu protest u l-MFA ordnat li l-partita terġa' tintlagħab iżda wara aktar kunsiderazzjoni fit-12 ta'April, 1957, ġie deċiż li r-riżultat jibqa' jgħodd.*

*Fl-20 ta' Diċembru, 1956, tħabbar li l-plejer Anthony Mousù ta' Rabat FC kien talab ir-release mill-klabb wara li fl-istaġuni 1953-54 u 1954-55 ma ġiex imħallas l-ammont ta' flus dovuti lilu mill-klabb Rabti skond il-ftehim. Hu kien ilu ma' Rabat mill-1951-52. Il-klabb Rabti kien ipprova jbiegħ il-plejer lill-klabb ieħor iżda s-somma li talbu għalih ma ħajret lill-ebda klabb.*

*Fl-20 ta' Diċembru, 1956, il-President tal-MFA Lawrence Farrugia BEM irritorna Malta wara sitt ġimgħat l-Ingilterra fejn kien attenda għall-kors b'konnessjoni mal-impjieg tiegħu ta' Safety Officer fit-Tarzna ta' Malta. Fl-assenza tiegħu, l-MFA tmexxiet mill-viċi-president, Dr. Maurice Decesare.*

*Fit-Tourney tal-Milied ġie kkonfermat li Sliema Wanderers kienu t-tim tal-mument meta kien l-uniku tim li ma tilifx kontra SK Wacker tal-Awstrija. Fil-fatt it-tim Awstrijak għeleb lil Selezzjoni Hibernians-Marsa-Birkirkara-Rabat 7-0, lil Valletta FC 6-1, lil Floriana FC 5-1, lil Ħamrun Spartans 1-0, ġew draw ma' Sliema Wanderers 1-1 u għelbu lil MFA XI 1-0. Sliema kienu qed jirbħu l-partita b'gowl ta' Tony Nichol wara 13-il minuta iżda Wacker kisbu d-draw minn Haummer disa' minuti mit-tmiem biex anke għelbu lid-difiża Slimiża għall-ewwel darba f'dan l-istaġun.*




Victor Scerri fl-azzjoni għal Sliema W. kontra Floriana

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Real Madrid

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2012

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Real Madrid ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 66

**Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 66 huwa:**

**Gabriel Cassar - Zabbar**





## IRBAĦ €150 VOUCHER MA'

TeamSporT

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Novembru, 2012

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem ______________

Indirizz ______________

Email ______________

# SPORTIV Tisliba

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 66




Ir-rebbieħa tal-Ħarġa Nru. 66 ta' Ottubru 2012 huwa: Michael Sammut - Birkirkara

### Mimdudin

1) Il-jott rebbieħ tal-BOV Round the Islands Trophy 2012 (8)
5) ".... Trial" - tellieqa kontra l-ħin f'diversi sports (4)
8) Wenbo, plejer professjonali Ċiniż fli Snooker (5)
9) "..... Cup" tal-Golf bejn l-Ewropej u l-Amerikani (5)
11) Malta Football Players Association (1,1,1,1)
12) Isem "Il-Koj", qaddief leġġendarju Malti (4)
13) Industries Soccer Association (1,1,1)
15) u 34) "..... De Succ, żiemel veteran Franċiż (5)
16) Gunnar, 275 partita u 210 gowl għal AC Milan (7)
17) Cordero Di Montezemolo, eks president tal-Ferrari (4)
18) Sánchez, l-eks attakkant Messikan ta' Real Madrid (4)
19) "Enjoy ......", żiemel Taljan ta' 11-il sena (6)
25) Edison Luis Dos Santos ......, eks plejer ta' Hibs FC (6)
27) "..... de Manche", żiemel Franċiż ta' 14-il sena (5)
28) Bryant, il-'ġgant' tal-Baskitbol Amerikan (4)
30) Curmi, kowċ attwali ta' Xgħajra Tornadoes FC (3)
31) Francesco, eks president ta' AS Roma li miet 3 snin ilu (5)
32) Yashin, meqjus bħala l-aqwa gowlkiper ta' kull żmien (3)
33) "Diario ..", ġurnal Spanjol ta' li Sport (2)
34) Ara 15 Mimdudin
37) U*... FA Trophy (3)
39) Tal-Furjana jew ta' Amsterdam, it-tnejn tal-Futbol (4)
40) Camilleri, 4 snin ma' RN Bogliasco Waterpolo Club (5)

### Weqfin

1) Il-laqam ta' Valletta FC (5,6)
2) Tim tal-Premier Ingliż imwaqqaf fl-1871 (7)
3) Spiteri FIFA Assistant Referee Malti (6)
4) Paul, plejer ta' White Hart Hockey Club (8)
5) Simon, il-mibki plejer ta' Sliema Wanderers FC (7)
6) Luca, bodybuilder Malti fil-kategorija '90kgs' (7)
7) u 15) ....... da Silva Ferreira, attakkant Brażiljan irtirat (7)
10) u 21) Klabb rinomat tal-Baseball minn New York (7)
14) Tang ... Do, tip ta' Arti Marzjali Koreana (3)
15) Ara 7 Weqfin
19) Żiemel veteran Franċiż imwieled fl-1 ta' Jannar 1998 (7)
20) Ferdinand, difensur ċentrali ta' Man Utd (3)
21) Ara 10 Weqfin
22) Moussa, attakkant Senegaliż ta' Fenerbahċe (3)
23) ".... Diving" - Għadds bin-nifs (4)
24) Sunday dar diversi timijiet Maltin tal-Futbol (4)
26) Mizzi, sewwieq Malti tal-Motocross (6)
29) Oscar Pistorius, imlaqqam bħala "..... Runner" (5)
35) Denis, 309 partita u 171 gowl għal Man Utd (3)
36) Koller, eks futboler 'ġgant' fil-veru sens tal-kelma (3)
37) u 38) Mountain ...., iddebutta bħala sport fl-Amerika fl-1970 (4)
38) Ara 37 Weqfin



TeamSport
MY PROUD SPONSOR
Dun Karm Psaila Street, Iklin
t: +356 2142 1383
TeamSporT®
NIKE
adidas
Reebok
lotto
DIADORA
macron
Sixtus
uhlsport
asics
UMBRO




BOV MasterCard Prepaid Cards

Sett ġdid ta' BOV MasterCard Prepaid Cards f'edizzjoni limitata bit-tema ta' għasafar li jpassu f'Malta disponibbli f'denominazzjonijiet ta' €50, €75, €100 u €150.



*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV MASTERCARD PREPAID CARDS**
**2131 2020 | bov.com**

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

BOV
Bank of Valletta

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

BOV 33162

VALLETTA F.C.

# Vallett

2011-2012



SPORTiV

## Premier League Cha

CISK LAGER

FINEST QUALITY
LAGER BEER

# ta F.C.




## ampions - Season 2011/2012

CISK LAGER
FINEST QUALITY
LAGER BEER
Find us on: facebook

ritratt: Ray Attard